Keith Attard

# Ballun Pinġut

Ġabra ta' espressjonijiet mil-logħba tal-futbol



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
bi sħab mal-Għaqda Ġurnalisti Sports

# Ballun Pinġut

## Ġabra ta' espressjonijiet mil-logħba tal-futbol

**Keith Attard**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
bi sħab mal-Għaqda Ġurnalisti Sports

L-ewwel edizzjoni, 2012
© Keith Attard, 2012
© Ritratt tal-qoxra, Domenic Aquilina

Dan il-ktieb jitqassam b'xejn mill-Kunsill tal-Malti u jista' jiġi ffotokopjat.

**Il-Bord Editorjali**
Keith Attard
Mario Bonnici
Thomas Pace
Olvin Vella

ISBN: 978-99957-0-270-0

# Tim wieħed

Ma hemmx dubju li, fost l-isport kollu, il-logħba sabiħa tal-futbol hija dik li tiġbed l-akbar folol ta' rġiel u nisa li jħobbuha, jipprattikawha u jsegwuha b'dedikazzjoni kbira. Dan illum huwa minnu f'bosta mill-pajjiżi tad-dinja.

F'Malta, imbagħad, kellna x-xorti li – permezz tal-personal tas-Servizzi Ingliżi – iltqajna ma' din il-logħba kmieni ħafna, u tista' tgħid li llum rabbiet fostna għeruq ħoxnin u hija istituzzjoni importanti, magħġuna sħiħ mal-ħajja soċjali tagħna. F'kull raħal, kbir jew żgħir, barra mill-knisja parrokkjali, il-kunsill lokali u l-fergħat tal-partiti politiċi, għandek issib il-każin tal-futbol f'post prominenti, bit-tim, id-diriġenti, il-partitarji, il-kuluri u t-tradizzjoni tiegħu... imma wkoll bil-mixtla ta' żgħażagħ u tfal appassjonati, li huma l-garanzija li l-futbol huwa wkoll il-logħba tal-futur.

Ma setax jonqos li logħba li xegħlet il-fantasija ta' niesna b'din il-qawwa kollha għal tant snin tħalli t-timbru tagħha wkoll fuq il-lingwa tagħna. Dan jidher mhux biss mill-għadd kbir ta' kliem u espressjonijiet li jiddeskrivu l-logħba tal-futbol bid-dettall tal-istrateġiji, l-azzjonijiet u l-irqaqat tekniċi tagħha, imma llum saħansitra mill-ħafna tixbihat u metafori li qed noħorġuhom mid-dinja tal-futbol u nħaddmuhom bħala idjomi f'oqsma oħra, bħalma hija d-diskussjoni soċjali u politika. Il-logħba tal-futbol, mela, saret hija stess riżors lingwistiku importanti ieħor.

Imqanqal minn din il-preżenza qawwija tal-futbol f'ħajjitna u fi lsienna, iż-żagħżugħ Keith Attard ħaseb li jdomm il-lista imprezzabbli ta' espressjonijiet li għandek f'idejk. Ġabarha minn fomm il-plejers, id-diriġenti, il-kummentaturi u l-partitarji ta' etajiet differenti. Biex ix-xogħol isir bil-għaqal, il-ġabra saffieha sewwa u kull kelma fittex il-konferma tagħha mingħandhom ilkoll. F'din il-ħidma ta' reqqa u sabar sab l-għajnuna u l-kollaborazzjoni kemm ta' individwi bħal Mario Bonnici, Thomas Pace u Olvin Vella, kif ukoll ta' entitajiet kbar bħall-Awtorità tax-Xandir u l-Għaqda Ġurnalisti Sports. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti huwa ferħan li qed jgħinu jippubblika l-vokabolarju ta' qasam hekk importanti tal-ħajja Maltija.

L-ebda ġabra ta' kliem u l-ebda dizzjunarju ma huma perfetti jew kompleti għalkollox. Din hija l-ewwel ġabra kbira ta' kliem il-futbol, li qed titressaq quddiem il-pubbliku Malti li jużaha ta' kuljum. L-awtur għadu żagħżugħ kreattiv, u naf li f'moħħu għandu edizzjonijiet ikbar u isbaħ ta' dan ix-xogħol. Kemm jekk inti dilettant u kemm jekk inti ġurnalist sportiv, f'din il-ġabra għandek issib minjiera ta' kliem u frażijiet li bihom tista' twessa' l-medda tal-espressjoni tiegħek. Se ssib ukoll għadd żgħir ta' suġġerimenti siewja (jew "proposti", kif isejħilhom Keith)

li qed iressaq quddiemna biex – jekk jintgħoġbu u jintlaqgħu – jidħlu mal-vokabolarju diġà stabbilit. Għax il-lingwa nużawha... u fl-istess ħin noħolquha u nkattruha.

Ix-xewqa tal-awtur u tal-Kunsill tal-Malti hija li l-pubbliku sportiv jissieħeb bl-entużjażmu f'dan il-proġett – qisna tim wieħed – b'risq il-ġejjieni tal-futbol Malti, billi jwasslilna fehemtu dwar din il-ġabra u jgħinna ntejbuha u norqmuha. B'hekk naslu għal ġabra awtorevoli tal-lingwa tal-futbol li tkun il-frott tal-ħidma tagħna flimkien.

Prof. Manwel Mifsud
President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
8 ta' Ġunju 2012

# Daħla

F'idejk għandek ġabra ta' 930 kelma u espressjoni bil-Malti b'rabta mal-futbol. Il-biċċa l-kbira tal-kliem ġbartu minn fomm il-Maltin waqt iż-żjarat fl-iskejjel sekondarji u mill-iskejjel tal-futbol. Ġieli ġbartu wkoll waqt il-logħbiet tal-MFA. Xi espressjonijiet slitthom mill-gazzetti, mill-aħbarijiet sportivi u l-kummentarji tal-logħbiet.

Billi ġabra bħal din tista' tkun ta' siwi kbir f'idejn ix-xandara sportivi, il-Kunsill tal-Malti wera interess li jippubblikaha u, wara konsultazzjoni mal-Għaqda Ġurnalisti Sports, waqqaf bord editorjali li ltaqa' kemm-il darba biex il-ġabra jimmiraha għall-ġurnalisti. Il-bord għarbel il-ġabra u, filwaqt li beża' għall-ispontanjetà u l-ġenwinità tagħha, qata' barra l-kliem dispreġjattiv li b'xi mod jista' joffendi u li allura ma jixraqx li jingħad fil-mezzi tax-xandir.

Din il-ġabra se nkompli norqomha u nżidha biex, jekk tintlaqa' tajjeb, id-darba li jmiss nippubblika edizzjoni mkabbra. Napprezza li min għandu xi suġġerimenti jew espressjonijiet oħra jgħaddihomli fil-paġna tal-Facebook *ballun pinġut* jew fl-indirizz: futbol@kunsilltalmalti.gov.mt.

## L-informanti

Kull espressjoni li qed tidher f'din il-pubblikazzjoni għaddejtha lil sitt persuni mill-ambjent tal-futbol: referì, plejer, kowċ, membru tal-kumitat, dilettant u ġurnalist. Xogħolhom kien li jixhdu jekk il-kelma qattx semgħuha b'rabta mal-futbol. Biex il-piż tax-xogħol jitqassam, ikkonsultajt żewġ referis, żewġ plejers, żewġ kowċis, żewġ membri tal-kumitat, żewġ dilettanti u żewġ ġurnalisti. Kull espressjoni raha wieħed minn kull kategorija minn dawn.

Bl-għajnuna tagħhom stajt nindika kemm il-kliem miġbur qiegħed fuq fomm in-nies. Fil-ġabra, biswit it-tifsira tal-espressjoni, se ssib l-ittri R, P, K, M, D, Ġ, jew inkella xi wħud minnhom. Jekk, ngħidu aħna, kelma jkun fiha R, K, M, dan ifisser li jafha użata referì, kowċ u membru tal-kumitat. Il-biċċa l-kbira tal-kliem għandu x-xhieda tal-biċċa l-kbira tal-kategoriji.

## Kliem bażiku mħolli barra

Nixtieq nagħmilha ċara li dan mhuwiex dizzjunarju tal-kliem tal-futbol. Għalhekk kliem bażiku bħal *ballun, futbol, grawnd, plejer* u *xutt* mhuwiex se jidher, għax dan kulħadd hu midħla tiegħu. Din hi ġabra ta' espressjonijiet li nsibuhom fuq fomm kull min jilgħab il-futbol. Żammejt il-ħin kollu f'moħħi li din il-ġabra ssir bi skop ta' servizz għall-ġurnalisti tal-futbol li jkunu qed jikkummentaw waqt il-partiti.

## L-ordni tal-kliem fil-ġabra

Il-biċċa l-kbira tal-verbi qed jidhru fit-tielet persuna singular maskil tal-perfett, ngħidu aħna, *(huwa) kabbar l-iskor* jew *(huwa) ħareġ fil-vojt.* Madanakollu, meta kien hemm xi espressjonijiet li aktar jagħmlu sens li jkunu fil-plural għax jintużaw f'sens ta' tim, bħal *għabbewhom bil-gowls* (mhux *għabbiehom bil-gowls*), qed jidhru fil-plural għax aktar huma magħrufin b'dak il-mod.

## Nota fuq it-tifsira "Ara"

Meta għal idea waħda jkollna żewġ espressjonijiet jew aktar, it-tifsira prinċipali tfajtha taħt waħda minnhom, aktarx l-aktar komuni. Il-kelma l-oħra bl-istess tifsira ssibha wkoll f'din il-lista, imma ħdejha jkollha biss il-kelma "Ara ...". Ngħidu aħna, *mewwet il-ballun* u *waqqaf il-ballun* għandhom l-istess tifsira; mela t-tifsira qiegħda taħt *mewwet il-ballun* u wara *waqqaf il-ballun* se ssib "Ara *mewwet il-ballun*". B'hekk ġiet evitata repetizzjoni żejda.

## Kliem dispreġjattiv imħolli barra

Daqskemm hi sabiħa l-kompetizzjoni sportiva, daqshekk ieħor hija kerha meta titlgħalna għal rasna u ttellifna l-kontroll fl-għemil u fil-kliem. Għaldaqstant, ħassejt li ma għandix nitfa' l-faħam f'qiegħa li għandha ħabta tisħon malajr. Kien għalhekk li f'din il-ġabra twarrbu l-espressjonijiet dispreġjattivi li l-ġurnalisti jħossu li ma jixirqux għal fuq il-mezzi tax-xandir. Tħallew barra wkoll l-espressjonijiet li, għalkemm mhumiex vulgari u smajniehom jingħadu kemm-il darba, huma qawwijin u diretti wisq u jistgħu jimbarazzaw lil min jgħidhom u joffendu lil min jirċevihom. Xi eżempji ta' dan il-kliem huma *karawetta, ħareġ għall-friefet* u *passatur.*

## Kliem antik

F'din il-ġabra daħħalt xi kliem li kien jintuża qabel għax ħassejt li jkun ta' ġid jekk nerġgħu nibdew nużawh, mhux biss għaliex sabiħ u huwa frott ta' ġurnalisti sportivi bravi tal-imgħoddi, iżda għax inħoss li f'xi każi jista' jaqdina aħjar minn kliem Ingliż li qed nużaw illum, ngħidu aħna, *tqassima* flok *pass* u *t-tgħollija [tal-munita]* flok *coin toss*. Dan il-kliem ġbartu minn gazzetti qodma bħal *Il-Berqa.*

## Kliem ġdid

Domt intella' u nniżżel jekk fil-ġabra għandix nissuġġerixxi kliem ġdid biex jintuża flok xi kliem li llum nafuh bl-Ingliż jew inkella bit-Taljan biss. Ngħidu aħna, ilkoll nafuh il-kliem *throw-in*, *nursery, save* u *cucchiaio*. Deherli li, bħalma l-kliem miġbur minn fomm in-nies indikajt kemm hu mifrux, daqshekk ieħor il-ftit kliem ġdid li ħloqt bil-Malti kelli nindikah li hu proposta. Imbagħad ikun f'idejn il-prattikant tal-futbol biex jagħżel jadottahx jew iwarrbux skont il-gosti tiegħu. Xi eżempji ta' dan huma *tefgħa* flok *throw-in* u *pipa* flok *cucchiaio*. Dan il-kliem fil-ġabra mmarkajtu bil-kelma [*proposta*].

## Kliem bl-Ingliż li għandna l-ekwivalenti għalih bil-Malti

Hemm każi fejn għall-istess idea u tifsira nsibu kemm kelma Maltija kif ukoll oħra barranija, aktarx ġejja mill-Ingliż. F'dawn il-każi kemm jista' jkun ippruvajt ninqeda bi kliem u espressjonijiet bil-Malti, ladarba dawn jeżistu. L-għażla f'idejn il-pubbliku Malti. Inħajjar lill-ġurnalisti jużaw espressjonijiet Maltin bħal *barmu għal ġewwa* flok *banana shot*, *minn azzjoni wieqfa* flok *set-piece*, *ballun fit-tul* flok *long ball*, *laħlaħ mill-ewwel* flok *first-timer*, *xibka mhux mittiefsa* flok *clean sheet* u *ħabbtu darba* flok *drop ball.*

Il-kelma *gowler* tinstema' fil-Malti biss (fl-Ingliż jużaw *goalkeeper,* imqassra *goalie* u *keeper*) u ta' min nibżgħu għaliha billi nkomplu nużawha.

## Il-pronunzja tal-ismijiet tat-timijiet barranin

Meta llissnu l-ismijiet tat-timijiet, l-isem irid jitlissen kif inhu magħruf mill-Maltin, imqar jekk il-pronunzja titbiegħed mill-ilsien oriġinali. Għalhekk, ngħidu aħna, illissnu *Barċellona*, u mhux *Barselona* (bil-Katalan) jew *Bar$^{th}$elona* (bl-Ispanjol). Bl-istess raġunar, illissnu *Bayern Munich* skont il-pronunzja Ingliża għax il-Maltin hekk jafuh it-tim, u mhux bl-oriġinal Ġermaniż, pronunzja li toqrob lejn *Bajern Minxen*.

## L-artiklu quddiem l-ismijiet

L-ilsien Malti ħafna drabi jitlob l-artiklu quddiem l-ismijiet, ngħidu aħna, "għada l-Juventus se jilagħbu kontra l-Arsenal". Meta jkollna xi diffikultà kif se llissnu l-ismijiet, inħaddnu l-prinċipju li l-isem illissnuh kif inhu naturali għall-Maltin mingħajr ma noqogħdu nqisu kif jingħad fl-ilsien oriġinali.

## Kif ngħidu r-riżultat

Ġieli jkun hawn min jintroduċi r-riżultat bil-frażi żbaljata "l-iskor jaqra tnejn b'wieħed". Bil-Malti ngħidu aħjar "l-iskor huwa tnejn b'wieħed", "qegħdin tnejn b'wieħed" u "ġew tnejn b'wieħed".

Żball ieħor huwa meta aħna u naqraw ir-riżultat ngħidu "tnejn għal wieħed" flok "tnejn b'wieħed" kif suppost. Fil-Malti, ir-riżultat jitlob il-prepożizzjoni *bi* (ġieli mqassra *b'*)*:*

Xi eżempji:

**Liverpool 2 vs Everton 2**
Liverpool - Everton, *tnejn bi tnejn*

**Real Madrid 0 vs Milan 0**
Real Madrid - Milan, *xejn b'xejn*

## Ħajr

Din il-pubblikazzjoni saret possibbli bl-għajnuna tal-Kunsill tal-Malti. Nirringrazzja lill-membri tal-Kunsill għas-suġġerimenti tagħhom, partikolarment lill-Prof. Albert Borg, il-Prof. Ray Fabri, Dr George Farrugia u Dr Simone Farrugia Inguanez.

Suġġerimenti oħra għaddewhomli David Agius Muscat, Alan Delia, Reno Fenech, Stephen Grima, Joe Mizzi, Silvan Montesin, David Muscat u Gianluca Scicluna.

Il-ħbieb tiegħi Daniel Bezzina, Carlston Grima u Kurt Slattery ħaqqhom ħajr tal-għajnuna fl-amministrazzjoni tal-paġna tal-Facebook.

Fl-aħħar sentejn ikkuntattjajt kemm-il darba lill-informanti biex jixhdu għall-użu ta' xi kelma jew espressjoni. Din il-ġabra kisbet il-kredibilità bis-saħħa ta' Godwin Aquilina, Kevin Azzopardi, Matthew Bonett, Roderick Briffa, Marco Buttigieg, Edward Cachia, Adrian D. Casha, Manwel Gauci, Godfrey Grima, Cristian Antony Muscat, Zach Muscat u Matthew Polidano.

Kienet esperjenza sabiħa għalija l-laqgħa mal-Għaqda Ġurnalisti Sports. Matulha ddiskutejt mal-ġurnalisti l-ewwel abbozz tal-ġabra u r-reazzjoni pożittiva li qlajt għamlitli kuraġġ biex inkompli norqomha. Ħajr lil Charles Camenzuli u lil Sandro Micallef tal-istedina.

Ħajr speċjali lill-kollegi tal-bord editorjali, Mario Bonnici, Thomas Pace u Olvin Vella, u lill-President tal-Kunsill tal-Malti, il-Prof. Manwel Mifsud, tal-laqgħat regolari u tal-għajnuna tagħhom fil-produzzjoni tal-ktieb. Għalija kienet esperjenza siewja ħafna li naħdem f'dan it-tim.

Fuq kollox, irrid nirringrazzja lill-ġenituri tiegħi u lil ħija, li qawwewli qalbi malli bdejt naħdem fuq dan il-ktieb. Kienu jgħiduli li moħħi kien aktar fil-futbol milli fl-iskola. Illum jien – u miegħi huma wkoll – sodisfatti li rnexxieli norbot in-namra tal-futbol mal-istudju ta' lsienna.

Keith Attard

# L-informanti

**Kevin Azzopardi** Referì bi sbatax-il sena esperjenza. Ilu jirreffja tmien snin fil-Kampjonat Premier.

**Adrian D. Casha** Eksreferì internazzjonali b'għoxrin sena esperjenza. Irreffja partiti tal-UEFA. Illum huwa Direttur tar-*Refereeing* fl-MFA, u Osservatur u Kowċ tar-Referis tal-UEFA. Għal xi snin kien ukoll Segretarju Ġenerali u Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MFRA.

**Roderick Briffa** Plejer tal-Belt u jissejjaħ man-nazzjonal. Fl-istaġun 2010/2011 rebaħ l-unur tal-plejer tas-sena tal-MFA. Lagħab ukoll ma' Birkirkara, Ħal Lija, Tas-Sliema u Tal-Pietà.

**Zach Muscat** Plejer tal-Pietà. Lagħab ukoll ma' Luxol St Andrews u mal-Melita. Kien jissejjaħ man-nazzjonal ta' taħt id-dsatax-il sena u anki ma' ta' taħt il-wieħed u għoxrin.

**Marco Buttigieg** Kowċ ta' Santa Venera. Fl-2008 beda jikkowċja. Kien ukoll plejer, fost l-oħrajn, tal-Ħamrun, il-Marsa u Santa Venera.

**Godfrey Grima** Serva bħala *Head Coach* mal-mixtla ta' Santa Venera għal tliet snin u *Head Coach* mal-mixtla tal-Pietà għal ħames snin. Ikkowċja wkoll lill-kategoriji differenti ta' taħt is-sbatax-il sena u kien ukoll *Assistant Coach* mat-tim tal-kbar tal-Pietà.

**Matthew Polidano** Eksplejer ta' Santa Venera. Bħalissa huwa s-Segretarju tal-mixtla tal-klabb.

**Godwin Aquilina** Eksplejer ta' Santa Venera u ilu sbatax-il sena President tal-mixtla tal-klabb. Fl-aħħar tmien snin ta sehmu fil-kunsill tal-Youth Football Association.

**Cristian Antony Muscat** Ilu sentejn ġurnalist u jikkummenta logħbiet tal-kampjonati lokali, tal-UEFA Champions League u tal-Europa League.

**Manwel Gauci** Ġurnalist veteran tal-isports.

**Matthew Bonett** Dilettant kbir tal-futbol. Kien plejer, imma llum isegwi l-logħob bl-istess passjoni fuq it-televixin.

**Edward Cachia** Dilettant ieħor tal-logħba. Kien plejer ukoll.

# Taqsiriet

| | |
|---|---|
| D | Dilettant |
| Ġ | Ġurnalist |
| K | Kowċ |
| M | Membru tal-kumitat |
| P | Plejer |
| R | Referì |

**aggressiv**
1. Ara **avventuruż.** [P,K,D,Ġ]
2. Plejer li jiġġieled għall-ballun u hu msemmi wkoll għal xi daħla ’l hawn u ’l hemm. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ambizzjuż**
Plejer li jżomm il-ballun wisq f’saqajh u ma jqassmux lil sħabu mqar meta jkunu f’pożizzjoni aħjar minnu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**amministra l-partita**
1. Meta tim ikun komdu minn fuq, u flok jagħmel sforz biex jattakka, joqgħod idawwar il-ballun, jipprova jżomm il-ballun f’saqajh kemm jista’ jkun u ma jaħlix l-enerġija. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **ħela l-ħin (1).** [R,P,K,M,D,Ġ]

**amministra l-vantaġġ** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **amministra l-partita (1)** u **(2).**

**ammonit**
Meta plejer iwettaq azzjoni irregolari u fil-fehma tar-referì jkun ħaqqu karta safra u jtihielu. [R,P,K,M,D,Ġ]

[l-]**andament tal-partita** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara [x-]**xejra tal-logħob.**

**ankra**
Dak il-plejer li jilgħab quddiem id-difiża u joqgħod hemm biex jilqa’ l-attakki, inaqqashom u jkissirhom. [P,K,M]

**ankrat**
Meta tim jibqa’ mwaħħal fil-qiegħ tal-klassifika. [R,P,K,M,D,Ġ]

**antiċipa l-avversarju** [R,P,K,M,D]
Ara **ħareġ qablu.**

**appella għal *penalty*** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **talab *penalty*.**

**assedju**
Sforz qawwi minn tim biex jipprova jiskorja, b’attakki wieħed f’wieħed li jitfgħu lit-tim avversarju taħt pressjoni kbira. [R,P,K,M,D,Ġ]

**l-attakk intilef**
Meta t-tim itella' l-ballun u jipprova jattakka iżda ma jkollux suċċess. [P,K,M,D,Ġ]

**attakka l-ballun**
Meta plejer ma joqgħodx lura iżda jmur fuq il-ballun, ngħidu aħna, biex imur jieħu l-ballun minn sieq l-avversarju. [R,K,M,Ġ]

**attakkant pur**
Plejer li jilgħab fuq quddiem f'pożizzjoni ċentrali u matul il-logħba ma tantx jinżel jiġbor il-ballun iżda ssibu bħala l-aktar attakkant avvanzat, jistenna tqassima tajba jew li l-ballun jiġi għandu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**avventuruż**
Plejer jew tim li jħobb jattakka. [R,P,K,M,D,Ġ]

**awtogowl**
Meta plejer jolqot il-ballun ħażin u jitfgħu fix-xibka tiegħu stess. [R,P,K,M,D,Ġ]

**azzjoni denja ta' nota**
Azzjoni perikoluża biżżejjed biex tiġbed l-attenzjoni tal-ġurnalisti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**azzjoni maħduma** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ħadem il-ballun (1).**

**azzjoni mitlufa** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **l-attakk intilef.**

**azzjoni personali**
Meta plejer waħdu jirnexxilu jaqbeż l-avversarji. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ballun barra / ħariġlu barra / marlu barra / telaqlu barra**
Meta l-ballun jaqbeż il-linja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ballun dirett**

1. Meta plejer jilgħab il-ballun 'il fuq, fuq l-attakkanti, minflok ma joqgħod idawwar ma' sħabu u jasal lejn il-lasta b'ħafna tqassimiet. Tingħad ukoll it-taqsira **dirett**, ngħidu aħna, "Hemm bżonn nilagħbu aktar dirett għax bit-tqassim f'nofs il-grawnd xejn mhu qed inkunu perikolużi". [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara ***free-kick*** **dirett.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**ballun fit-tul**

Meta plejer jew gowler iwassal il-ballun lil sieħbu li jkun 'il bogħod minnu sewwa. [R,K,M,D,Ġ]

**ballun għad-dawra** [R,K,M,D,Ġ]

Ara **barmu għal ġewwa.**

**ballun impitter** [K,M,D,Ġ]

Ara **ballun pinġut.**

**ballun ma' saqajh**

Meta plejer iżomm il-ballun viċin ta' saqajh. [P,K,M,D,Ġ]

**ballun maħdum** [R,P,K,M,D,Ġ]

Ara **ħadem il-ballun (1).**

**ballun pinġut**

Tingħad għal tqassima diffiċli u preċiża, jew għal xutt perfett. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ballun qasir**

Meta plejer ma jagħtix biżżejjed saħħa lill-ballun huwa u jqassmu, u l-avversarju jilħaq il-ballun hu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[ballun] tagħna**

Għajta mill-plejers, il-kowċ jew il-partitarji meta jidhrilhom li l-ballun ikun telaq barra u jkun missu l-aħħar it-tim ta' kontrihom. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ballun twil**

Meta plejer iqassam il-ballun lil sieħbu fit-tul wisq u ma jkunx preċiż minħabba li ma jikkontrollax is-saħħa tal-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[il-]bandiera tat-tim**
Plejer li ismu jkun marbut ma' tim minħabba s-snin li qatta' miegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[il-]bank (tas-sostituti)**
Il-post fejn ipoġġu l-kowċis u s-sostituti waqt il-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**baqa' bih**
Meta tim jaqla' gowl u ma jirnexxilux iġib id-dro. [R,P,K,M,D,Ġ]

**baqa' dieħel**
Meta plejer jibqa' jaqbeż il-plejers u jibqa' riesaq lejn il-lasta. Plejer jista' jibqa' dieħel ukoll meta jkun mal-linja u jaqta' 'l ġewwa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**barmu għal ġewwa**
Meta plejer jixxuttja bid-dawra u l-ballun tarah idur daqslikieku qed isegwi l-forma ta' banana. Min ma jafx din il-kelma aktarx juża *banana shot*. [P,K,M,Ġ]

**barra minn daru**
Meta tim ikun qed jilgħab fil-grawnd magħżul mill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**barriera**
Il-ħajt mibni mill-plejers li jkunu qed jiddefendu meta jkun ħa jingħata *free-kick.* Dan il-ħajt jinbena biex jipprova jagħlaq ix-xutt. [R,P,K,M,D,Ġ]

**batew**
Meta tim ma jkollux partita faċli mqar jekk jispiċċa jirbaħ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**battalja** [R,P,K,M,D]
Ara **logħba missielta.**

**baxxa rasu**
1. Meta tim ikollu jammetti li ta' kontrih kienu ferm aħjar minnu. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jaqta' qalbu. [P,K,M,D,Ġ]

**ibbumbardjah**
1. Meta plejer jew tim jixxuttjaw ħafna lejn il-lasta. [R,P,K,M,D]
2. Meta tim ikun għal ħafna ħin fuq l-avversarju. [R,P,K,M,D]

**beda favorit**
Meta minn qabel il-logħba, it-tim ikun mistenni jirbaħ hu għax ikun aħjar mill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**beda l-azzjoni**
Il-mument li fih plejer jibda azzjoni ġdida. [R,P,K,M,D,Ġ]

**beda l-logħba fuq il-bank**
Meta plejer ma jibdiex il-logħba mill-ewwel u jidħol bħala sostitut. [R,P,K,M,D,Ġ]

**beda l-logħba [mill-bidu]**
1. Ara **ħareġ il-logħba.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Il-plejer li lagħab jew beda l-partita mal-ewwel ħdax. [R,P,K,M,D,Ġ]

**bellahhom** [R,P,K,M,D]
Ara **saħħar bl-eleganza tiegħu.**

**beża' mill-ballun**
Meta plejer ma jidħolx għall-ballun kif suppost imma joqgħod lura, forsi għax jibża' li jweġġa'. [R,P,K,M,D,Ġ]

**biċċru l-plejer** [R,P,K,M,D]
Ara **kissru l-plejer.**

**bidel il-ballun**
Meta plejer li jkollu l-ballun f'saqajh jieqaf u jħallih lil sieħbu li jkun ġej b'ġirja biex jieħdu hu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**bidla tattika**
Meta kowċ waqt il-partita jbiddel plejer mhux għax ikun għeja, weġġa' jew ikun qed jilgħab ħażin, iżda biex jipprova jbiddel ix-xejra tal-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**bidlet ix-xejra** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **daret il-logħba.**

**biegħed il-ballun** [K,M,D,Ġ]
Ara **tajjar il-ballun.**

**biegħed il-periklu** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **tajjar il-ballun.**

**bikkiehom**
1. Meta l-gowler ikun jilqa' ħafna u ma jkunux jistgħu jiskorjawlu. [R,P,K,M,D]
2. Plejer li jkun qed jilgħab ħażin u jħalli lil sħabu diżappuntati. Tista' tkun referenza għat-tim li tant ikun mar ħażin li jiddiżappunta l-partitarji tiegħu. [R,P,K,M,D]

**blata**
Difensur tajjeb ħafna. Jieħu ħafna blalen bir-ras u ma jaqbżuhx malajr. [R,P,K,M,D]

**bnew il-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ħadem il-ballun (1).**

**ċans mitluf**
Meta plejer jitlef opportunità tajba biex jiskorja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ċeda l-armi**
Meta plejer jew tim jaqta' qalbu li jirbaħ il-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ċeda postu**
Meta ssir sostituzzjoni u flok plejer jidħol ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daħal**
1. Meta plejer jidħol flok ieħor waqt il-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta l-ballun jaqbeż il-linja u t-tim jiskorja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daħal fil-partita**
1. Meta t-tim ikun żewġ gowls taħt l-avversarju u jirnexxilu jiskorja – b'hekk ikollu ċ-ċans li jġib id-dro (u forsi anki jirbaħ il-partita). [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jew tim ma jkunux qed jilagħbu tajjeb u mbagħad jibdew jinvolvu ruħhom aktar jew jilagħbu aħjar. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daħal għal saqajh** [R,K,M,D,Ġ]
Ara **daħal għar-raġel.**

**daħal għall-ballun**

1. Meta plejer javviċina avversarju biex jipprova jieħu l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jagħmel moviment lejn il-ballun, ngħidu aħna, wara li xi ħadd minn sħabu jikkrossja. [R,K,M,D]

**daħal għan-nofs** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **qata' 'l ġewwa.**

**daħal għar-raġel**
Meta plejer jagħmel daħla u l-intenzjoni tkun li jiffawlja lill-avversarju u mhux li jieħu l-ballun. [R,K,M,D,Ġ]

**daħal minn wara**

1. Ara **fawl minn wara.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta attakkant jidħol għan-nofs minn wara l-linja difensiva mingħajr ma d-difensuri jkunu qed jistennewh. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daħħal fl-azzjoni**
Meta plejer iqassam lil sieħbu fit-tul u jġibu f'pożizzjoni tajba biex ikompli jattakka. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daħħal par saqajn ġodda / friski** [K,M,D,Ġ] **/** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **daħal (1).**

**daħħal [plejer]** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **daħal (1).**

**daħħlu fil-but**
Lagħbu bil-ħażen; tingħad meta plejer jaqbeż l-avversarju b'xi finta li jħallih tal-post. [R,P,K,M,D]

**daħla goffa**
Meta plejer jidħol għall-ballun b'mod perikoluż u jkun jista' jweġġa' lill-avversarju, tant li r-referì suppost isaffar fawl. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daħla kerha** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **daħla goffa.**

**daħla tajba**
Meta plejer jittekilja l-avversarju mingħajr ma jiffawlja u jieħu l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**damdam il-lasta** [R,K,M,D]
Ara **stampa l-lasta.**

**damdima** [R,P,K,M,D]
Ara **tidrisa.**

**daqqa fuq**
Meta tim flok jipprova jibni xi azzjoni bit-tqassimiet jitfa' l-ballun dirett 'il fuq. [R,P,K,M,Ġ]

id-**daqqa ta'** [isem tat-tim]
Dan it-tim se jiftaħ il-logħba jew it-tieni taqsima, jew taqsima tal-ħin barrani. Jekk tim jirbaħ it-tgħollija u jagħżel li jiftaħ il-partita hu, hemmhekk ngħidu li jkun **rebaħ id-daqqa** jew **ikollu d-daqqa tiegħu**. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daqslikieku rebaħ it-Tazza tad-Dinja**
Meta tim ikun kuntent ħafna b'rebħa importanti. [R,K,M,D]

**dar mal-gowler**
Meta plejer jiddeċiedi li jipprova jaqbeż il-gowler meta jiġi ras imb ras miegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**dar tajjeb**
Meta plejer, li jkollu l-ballun f'saqajh u jkun qed iħares f'direzzjoni partikolari, jirnexxilu jdur mad-difensur u jibdel id-direzzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**daret bil-kontra!** [P,K,M,Ġ]
Ara **nqaleb ir-riżultat.**

**daret il-logħba**
Meta t-tim li fil-bidu kien il-ħin kollu qed jattakka f'daqqa waħda ma jibqax jiddomina hu. Tixbah ħafna **nqaleb ir-riżultat**, iżda m'hemmx għalfejn jiġu skorjati gowls. [R,P,K,M,D,Ġ]

**dawru għal ġewwa** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **barmu għal ġewwa.**

**dawwar f'korner** [R,P,K,M,Ġ]
Ara **dawwar il-ballun (3).**

**dawwar id-difiża**
Meta plejer ifixkel u jħawwad id-difiża billi jaqbeż ħafna avversarji. Tingħad ukoll **kif dawwarha!** [M,Ġ]

**dawwar il-ballun**
1. Meta plejer jitfa' l-ballun minn mal-linja għan-naħa l-oħra tal-grawnd. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta numru ta' plejers tal-istess tim jaqilbu l-ballun mil-linja għall-oħra b'sensiela ta' tqassimiet. [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Meta l-gowler isalva xutt, iżda ma jilqgħux kompletament u jitfgħu f'korner. [R,P,K,M,D,Ġ]
4. Meta plejer juża l-falz u jdawwar il-ballun. Tintuża ħafna **dawwarhulu**. [R,P,K,M,D,Ġ]
5. Ara **ġibed il-ballun.** [P,K,M,D,Ġ]

**dawwar il-logħob** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **dawwar il-ballun (1)** u **(2).**

**dawwar ir-riħ tal-logħba favurih** [PROPOSTA]
Meta t-tim jirnexxilu, sa fl-aħħar, jikkontrolla l-logħba u jilgħab aħjar mill-avversarju.
Eż. *Sas-60 minuta l-Birgu ddominaw il-Mosta. Imbagħad il-Mosta* ***dawru r-riħ tal-logħba favurihom*** *u skorjaw darbtejn.*

**dawwar ir-riżultat** [R,P,M,D,Ġ]
Ara **nqaleb ir-riżultat.**

**dawwar l-iskor** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **nqaleb ir-riżultat.**

**dawwar lura** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **dawwar il-ballun (3).**

**dawwar telfa f'rebħa** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **nqaleb ir-riżultat.**

**[i]ddebutta**
Meta uffiċjal, tim jew plejer jilgħab għall-ewwel darba b'mod uffiċjali mat-tim tiegħu. Dak li jiddebutta jissejjaħ **debuttant**. [R,P,K,M,D,Ġ]

**iddeċieda l-logħba**
Meta plejer jiskorja l-gowl tar-rebħa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**iddefenda l-ballun**

1. Meta plejer jitfa' ġismu quddiem il-ballun biex jipproteġih u ma jħallix l-avversarju joħodhulu (u hekk jibqa' bil-ballun f'saqajh). Din l-espressjoni tista' tintuża flok **ixxildja l-ballun** *(to shield the ball)*. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jibqa' jipproteġi l-ballun sa ma jmur barra għax l-aħħar li jkun missu jkun ta' kontrih. Din tista' tintuża flok **ixxedowja l-ballun** (*to shadow the ball)*. [R,K,M,D,Ġ]
3. Meta plejer li jkun qed jiddefendi jagħmel xogħlu tajjeb. [R,P,K,M,D,Ġ]

**iddefenda r-riżultat**
Meta t-tim jagħżel li ma jibqax jattakka iżda jintefa' jiddefendi l-gowl/s li jkollu vantaġġ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**iddetta l-logħob** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **għandu x-xejra tal-logħob favurih.**

**iddjaloga**
Meta jkun hemm tqassim bi ftehim perfett, aktarx bejn l-attakkanti, ngħidu aħna, permezz ta' xi trijangulazzjoni sabiħa. [P,M,D,Ġ]

**iddomina l-partita**
Tintuża għall-aħjar tim fil-grawnd. [R,P,K,M,D,Ġ]

**iddomina territorjalment**
Meta tim ikollu l-akbar pussess tal-ballun u jkun l-aħjar fil-grawnd. [R,K,M,Ġ]

**id-deni (tal-partitarju, tal-futbol, tat-Tazza tad-Dinja ...)**
Espressjoni li tindika eċitament kbir min-naħa tad-dilettanti għal dak li jkun qed jiġri jew ħa jiġri. [R,K,M,D,Ġ]

**dejjem ġej**

1. Meta tim isofri mewġa wara l-oħra ta' attakki jew gowls. [R,P,K,M,Ġ]
2. Tingħad għal plejer li jaħdem ħafna mal-linja u l-ħin kollu tiela' u nieżel. [R,P,K,M,D,Ġ]

**delirju ta' ferħ**
Ir-reazzjoni ewforika li jkollu t-tim, il-kowċ jew il-partitarji meta jiskorjaw. [R,P,K,M,D,Ġ]

**dendel il-ballun**
Meta plejer jitma' kross lil sħabu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**dewweb il-ballun**
Meta plejer jixxuttja għoli ħafna u l-ballun ma jidhirx aktar. Fl-isfond tal-espressjoni hemm il-kuntest Malti, fejn il-ballun aktarx jispiċċa fuq xi bejt jew fis-siġar u ma jkunux jistgħu jsibuh (għax ikun "dab"). [P]

**differenza ta' gowls**
Id-differenza bejn il-gowls favur u kontra; siewja għall-ordni tal-klassifika meta żewġ timijiet, jew aktar, ikollhom l-istess punti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**difiża ffullata**
Meta jkun hemm ħafna plejers jiddefendu f'salt u ma tantx iħallu spazju. [R,K,D,Ġ]

**difiża kompatta**
Difiża b'saħħitha u magħquda li ma tantx tagħti ċans lill-avversarju jinfidha u jiskorjalha. [R,P,K,M,D,Ġ]

**difiża magħquda** [R,K,D,Ġ]
Ara **difiża kompatta.**

**difiża organizzata**
Difiża li taf x'qed tagħmel u tkun tajba tattikament. [R,K,M,D,Ġ]

**[id-]difiża qisha l-Port il-Kbir**
Meta d-difiża tkun miftuħa beraħ. [P,K,M]

**difiża tqila**
Meta d-difiża ma tkunx ħafifa biżżejjed biex tirreaġixxi u tlaħħaq mal-pass tal-avversarji. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[id-]dinja tal-futbol**
Dak kollu li hu relatat mal-futbol. [R,P,K,M,D,Ġ]

**dixxiplinat fit-tattika**
Meta plejer jew tim isegwu u jobdu l-istruzzjonijiet tattiċi li jagħti l-kowċ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**doppjetta**
Meta plejer wieħed jiskorja żewġ gowls fl-istess partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ewrogowl**
Gowl spettakolari li tibqa' tiftakru għax ikun ħafna isbaħ mill-oħrajn. [R,P,K,M,D,Ġ]

**f'daru / ġo daru**
Meta tim ikun qed jilgħab fil-grawnd tiegħu stess. Fil-każ tan-nazzjonal ikun qed jilgħab f'pajjiżu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fajjar xutt**
Meta plejer jixxuttja bis-saħħa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**falla l-mira minn pożizzjoni tajba**
Meta plejer jitfa' l-ballun barra minn pożizzjoni ideali. [R,K,M,D,Ġ]

**fallieh**
Tingħad meta plejer ifalli *penalty* jew gowl ħafif. [R,P,K,M,D,Ġ]

bil-**falz** [P,K,M,D]
Ara **barmu għal ġewwa.**

bil-**falz mibrum** [R,P,K,M,D]
Ara **barmu għal ġewwa.**

**faqa' xutt / faqqa' xutt** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **fajjar xutt.**

**faqqa' mill-ewwel**
Meta plejer jixxuttja l-ballun mingħajr ma jżommu u mingħajr ma jħallih imiss mal-art. [R,P,K,M]

**favur siequ**
Meta plejer lemini jikkontrolla l-ballun bil-lemin, jew bil-maqlub. [R,P,K,M,D,Ġ]

### fawl minn wara
Daħla perikoluża ta' avversarju minn wara l-plejer li jkollu l-ballun. Tista' tiġi kkastigata bil-karta l-ħamra. [R,P,K,M,D,Ġ]

### fawl tal-aħħar raġel
Fawl li jagħmel plejer, aktarx difensur, biex l-avversarju ta' quddiemu ma jispiċċax waħdu quddiem il-lasta. Wisq probabbli dan ikun qed jirriskja li jitkeċċa għax ikun waqqaf azzjoni faċli ta' gowl. [R,P,K,M,D,Ġ]

### fawl tattiku
Meta plejer iwaqqaf lill-avversarju b'mod irregolari għall-ġid tat-tim. Il-fawl jagħmlu b'mod ikkalkulat wara li jxomm li ġejja azzjoni perikoluża. [R,P,K,M,D,Ġ]

### [il-]fażi difensiva
Fażi li fiha tim ikun qed jiddefendi. [R,P,K,M,D,Ġ]

### [il-]fażi eliminatorja
1. Logħba waħda li tintlagħab f'kompetizzjoni, ngħidu aħna, semifinali tat-Tazza tad-Dinja. Min jirbaħ il-logħba jgħaddi għar-rawnd li jmiss u min jitlifha jinqala'. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta żewġ timijiet jilagħbu fuq żewġ *legs* f'kompetizzjoni. Logħba minnhom, it-tim jilgħabha f'daru u l-logħba l-oħra jilgħabha barra minn daru. Min ikollu l-aktar **gowls fuq ir-riħ** jgħaddi għar-rawnd li jmiss. [R,P,K,M,D,Ġ]

### [il-]fażi finali
Il-fażi aħħarija ta' xi kompetizzjoni. Qabel tim jgħaddi għaliha jrid ikun ikkwalifika mil-logħbiet ta' qabel. [R,P,K,M,D,Ġ]

### [il-]fażi offensiva
Fażi li fiha tim ikun fuq l-attakk. [R,P,K,M,D,Ġ]

### [il-]fażi ta' studju
Fażi li fiha t-timijiet ikunu qed jistudjaw lil xulxin, jiġifieri jaraw b'liema mentalità, tattika u plejers għandhom jiffaċċjaw l-avversarju. [R,P,K,D,Ġ]

### [il-]fażi ta' tranżizzjoni
Passaġġ ta' bidla minn pożizzjoni għal oħra, mid-difiża għall-attakk jew mill-attakk għad-difiża. [R,P,K,M,Ġ]

**[il-] fażi tal-attakk** [R,P,K,M]
Ara **fażi offensiva.**

**feġġ minn imkien**
1. Meta plejer jitfaċċa għal għarrieda minn xi mkien u jiġi f'pożizzjoni perikoluża. [P,M,D,Ġ]
2. Meta plejer li ma tantx ikun deher matul il-logħba jirnexxilu jiskorja. [P,M,D,Ġ]

**festa ta' futbol**
1. Meta jkun hemm ħafna logħbiet sbieħ x'tara f'jum jew żmien partikolari. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Tingħad għal logħba li tieħu pjaċir taraha u normalment ikollha ħafna gowls. [R,P,K,M,Ġ]

**festa ta' gowls** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **xalata ta' gowls.**

**fetaħ fuq l-attakk**
Meta tim jibda jattakka mill-ewwel mumenti tat-taqsima. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fetaħ id-difiża**
Meta, bil-movimenti tal-attakkanti, id-difensuri ma jibqgħux fil-pożizzjoni tagħhom u t-tim li jkun qed jattakka jkollu aktar ċans li jinfed id-difiża. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fetaħ il-kont**
1. Meta plejer jiskorja l-ewwel darba (jew ma' tim jew fi staġun). [P,M]
2. Ara **fetaħ l-iskor.** [P,M]

**fetaħ il-logħba**
1. Ara **[d-] daqqa ta'.** [P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **daħal fil-partita (1).** [R,P,K,M,D,Ġ]

**fetaħ il-logħob**
Meta plejer jitfa' l-ballun fejn ikun hemm aktar spazju. Plejer jista' jiftaħ fejn irid biex l-azzjoni tkompli fi spazju ġdid. Jista' jiftaħ ukoll biex jagħmel spazju għal min ikollu l-ballun, jew biex jagħmel spazju għalih innifsu ħalli jirċievi t-tqassima. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fetaħ l-iskor**
Meta plejer jiskorja l-ewwel gowl tal-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fetaħ mal-linja**
1. Meta plejer li jkun f'pożizzjoni aktarx ċentrali jmur mal-linja biex sieħbu jekk irid iqassamlu. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta l-plejer li jkollu l-ballun iqassam lill-plejer li jkun fuq il-linja biex jiftaħ il-logħob. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fetaħ tajjeb**
1. Meta tim jibda t-taqsima tajjeb. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **fetaħ il-logħob.** [P,K,M,D,Ġ]

**fetaħ wara**
Meta t-tim li jkun qed jipprova jsib il-gowl ma jibqax kompatt fuq wara u jibda jħalli l-ispazju lill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]ffalzjah** [P,K,M,D]
Ara **barmu għal ġewwa.**

**[i]ffawlja / għamel fawl**
Meta plejer jikser xi regola u t-tim jiġi kkastigat b'fawl. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fi klassi għalih waħdu**
Meta plejer jew tim ikunu qed jispikkaw fost l-oħrajn. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fis-seba' sema**
Meta tim ikun kuntent ħafna għaliex ħareġ rebbieħ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fittex il-ballun**
1. Meta plejer jagħmel daħla u jipprova jieħu l-ballun. [P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer għal ħafna ħin ikun irid il-ballun. Tintuża l-aktar fin-negattiv, jiġifieri **ma fittixx il-ballun**, għax ma tantx ikun daħal fil-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fittex il-fawl**
Meta plejer jipprova jirbaħ fawl b'intelliġenza. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fittex il-gowl**
Meta plejer jew tim jipprovaw jiskorjaw b'insistenza. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fittex il-plejer** [R,K,M,D]
Ara **fittex ir-raġel (1)** u **(2).**

**fittex ir-raġel**
1. Ara **fittex lil...** (isem il-plejer). [R,K,M,D]
2. Meta plejer, flok jipprova jieħu l-ballun, jittekilja l-avversarju biex iweġġgħu. [P,K,M,D]

**fittex lil...** (isem il-plejer)
Meta plejer jipprova jara fejn qiegħed sieħbu biex iqassamlu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fl-istess ilma**
Fl-istess pożizzjoni fil-klassifika. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fl-ixkora** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **maħdum (1).**

***free-kick* dirett**
*Free-kick* li jista' jingħata dritt għal ġol-lasta u jiskorja. [R,P,K,M,D,Ġ]

***free-kick* indirett**
*Free-kick* li ma jistax jingħata dritt għal ġol-lasta imma jrid jitqassam jew jaħbat ma' xi ħadd. [R,P,K,M,D,Ġ]

**fuq l-attakk**
Meta tim ikun qiegħed jattakka lit-tim avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġab il-ballun**
Meta gowler jissallab biex jilqa' l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġab il-ħajja fil-logħba**
Meta plejer jidħol bħala sostitut u jagħti enerġija lit-tim. Minħabba s-sostitut, il-logħba tisbieħ. [P,M,D,Ġ]

**ġab il-logħob fuqu** [P,K,M,D]
Ara **ġab lit-tim fuqu.**

**ġab ir-riżultat**
Meta t-tim jirbaħ jew jikseb riżultat pożittiv. [P,K,M,D,Ġ]

**ġab lit-tim fuqu**
Meta t-tim jintefa' lura jiddefendi r-riżultat mingħajr ebda intenzjoni li jattakka. [P,K,M,D,Ġ]

**ġabar ġieħu**
Meta plejer jew tim jagħmlu xi ħaġa tajba li tpatti għall-iżbalji li għamlu qabel fl-istess logħba jew li għamlu fil-logħbiet ta' qabel. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġabar il-ballun**
1. Meta l-gowler jiġbor il-ballun mix-xibka wara li jiskorjawlu. [R,P,K,M,Ġ]
2. Meta plejer jinżel jitlob il-ballun mingħand sħabu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġabu fix-xejn** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ġabu żugraga.**

**ġabu għoqda**
1. Meta plejer jaqbeż l-avversarju b'mod eleganti, aktarx b'xi finta, u jħallih tal-post. [P,K,M,D]
2. Meta plejer jaqbeż lill-avversarju tiegħu għal ħafna drabi. [P,K,M,D]

**ġabu jitkellem waħdu**
Meta plejer jew tim iħallu lil ta' kontrihom mibluha bil-logħob sabiħ li juru. Tingħad b'tifħira. [R,P,K,M,D]

**ġabu waħdu**
Meta plejer iqassam lil sieħbu b'tali mod li jiġi wiċċ imb wiċċ mal-gowler. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġabu żugraga**
Meta plejer jidħaq bl-avversarju repetutament u jġagħlu jagħqad fil-vojt. [R,P,K,M,D]

**ġabuhom**
Meta tim iġib il-gowl tad-dro. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġawhra**
1. Azzjoni li tieħu gost taraha, ngħidu aħna, xi gowl sabiħ jew xi mossa inġenjuża li biha jinqabeż l-avversarju. [P,M,D,Ġ]
2. Plejer importanti fit-tim. [M,D,Ġ]

**ġera wara r-riżultat**
Tingħad għal tim li jkun minn taħt u jfittex li jġib id-dro. Ngħidu "il-ħin kollu jiġru wara r-riżultat" meta tim ikun qed jitlef, iġib id-dro, imbagħad jaqla' gowl ieħor u jerġa' jipprova jġib id-dro. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ⁱġġieled għall-ballun** [R,P,K,D,Ġ]
Ara **ssielet għall-ballun.**

**ġibed il-ballun**
Meta plejer iressaq il-ballun lejh bil-qiegħ ta' siequ jew bil-ħobża ta' siequ jew bin-naħa tas-saba' l-kbir. [P,K,M,D,Ġ]

**ġibed plejer**
1. Meta plejer li jkun mingħajr ballun, jiġri lejn naħa biex jattira lill-avversarju li jkun qed jimmarkah u hekk jagħmel spazju lil sieħbu biex imur fil-vojt li ħallielu. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer iżomm lill-avversarju mill-flokk jew mill-qalziet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġibidlu saqajh**
Meta plejer li jinqabeż, iwaqqa' mill-ewwel lil min qabżu b'daħla minn wara. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġie f'idejh**
Meta l-ballun jasal għand il-gowler mingħajr ma jkun jaf kif, ngħidu aħna, fost geġwiġija ta' plejers fil-kaxxa ż-żgħira. [R,P,K,M,D]

**ġie f'tiegħu**
Meta plejer jew tim li ma jkunux qed jilagħbu tajjeb, iqumu mir-raqda u jibdew jilagħbu aħjar. [R,P,K,M,Ġ]

**ġie megħlub** [R,P,K,M,D,Ġ]
1. Meta tim jitlef il-logħba.
2. Meta gowler jaqla' gowl.

**ġie minn wara**
1. Meta tim li jkun dejjem qed jitlef jirnexxilu jġib id-dro jew jirbaħ il-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **daħal minn wara (2).** [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Tingħad għad-difensur, aktarx ta' mal-linji, li jitla' jagħti daqqa t'id fl-attakk u jkun għadu fuq il-ġirja. [R,P,K,M,Ġ]

**ġie msejjaħ** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **mgħajjat.**

**ġie mserraħ**
1. Ara **qala' plejer.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta, bl-ordni tal-kowċ, plejer ma jkomplix il-logħba biex, ngħidu aħna, jistrieħ għal-logħba li jmiss li tkun importanti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-ġlieda għar-rebħ tal-kampjonat**
It-taqtigħa bejn l-aħjar timijiet biex wieħed minnhom jispiċċa l-ewwel fi tmiem l-istaġun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ġojjell** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **ġawhra (2).**

**il-ġurnata tiegħu**
1. Meta plejer ikun qed jiċċelebra okkorrenza importanti, ngħidu aħna, il-500 logħba bil-flokk tal-klabb. [R,P,K,Ġ]
2. Meta plejer jew tim toħorġilhom logħba tajba. [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Tingħad għal plejer jew tim li jirnexxilhom jiksbu rebħa importanti.

**gallarija**
1. Meta gowler jagħmel xena. Tintuża l-aktar meta l-gowler jintefa' biex jilqa' ballun faċli. [R,P,K,M,Ġ]
2. Ara **seta' baqa' d-dar.** [R,P,M,D,Ġ]

**gambetta**
Meta plejer joħroġ siequ u jwaqqa' lil plejer ieħor li jkun ġej bil-ġirja. [R,K,M,D,Ġ]

**goleada** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **mlewhom bil-gowls.**

**gowl fantażma**
1. Meta l-ballun ma jaqbiżx il-linja kollha u r-referì xorta waħda jaċċettah.
2. Meta l-ballun jaqbeż il-linja kollha imma r-referì ma jintebaħx u jħalli l-logħob għaddej. [R,P,K,M,D,Ġ]

**gowl fuq ir-riħ** [PROPOSTA]

1. Meta tim ikun skorja aktar gowls mill-avversarju li mill-bqija jkollu l-istess punti fil-klassifika.
   Eż. *Fl-istaġun 2011/2012, il-Manchester City rebħu l-kampjonat għax, għalkemm ġabu punti daqs il-United, kellhom disa' **gowls fuq ir-riħ.***
2. Meta tim ikun skorja aktar gowls mill-avversarju fil-fażi eliminatorja ta' xi kompetizzjoni li tkun tintlagħab fuq żewġ *legs*. Sal-lum konna ngħidu "id-differenza fl-*aggregate score*".
   Eż. *Fl-ewwel leg, il-Milan kellhom erba' **gowls fuq ir-riħ** meta bdew il-partita barra minn darhom kontra l-Arsenal.*

**gowl irregolari**
Gowl li mhux validu u mhux suppost ikun konvalidat. [R,P,K,M,D,Ġ]

**gowl mitluf, gowl maqlugħ**
Qawl tal-futbol. Ifisser li meta tim jitlef ċans tad-deheb, ipattih qares. [P,K,M,Ġ]

**gowl personali**
Il-gowl li jiskorja plejer f'logħba waħda jew f'ammont ta' logħbiet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**gowl regolari**
Gowl validu li suppost għandu jiġi aċċettat mir-referì. [R,P,K,M,D,Ġ]

**gowl ta' konfużjoni**
Gowl li jiġi skorjat meta jkun hemm konfużjoni sħiħa fil-kaxxa. [P,K,D]

**gowl ta' konsolazzjoni** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara [l-]**gowl tal-bandiera.**

[il-]**gowl tal-bandiera**
L-uniku gowl li jsir lejn l-aħħar tal-partita mit-tim li jkun qed jitlef, u li bih jiġu, ngħidu aħna, 3-1. Filwaqt li jkun ta' konsolazzjoni għat-tim tellief, dan il-gowl xorta ma jkollux influwenza fuq ir-riżultat finali. [R,P,K,M,D,Ġ]

**gowl tal-istampi** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ewrogowl.**

**[il-]gowl tar-rebħa**
Il-gowl li bih tintrebaħ il-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**gowls favur**
It-total ta' gowls li jkun skorja tim matul kampjonat, eċċ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**gowls kontra**
It-total ta' gowls li jkun qala' tim matul kampjonat, eċċ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**grinta**
Ħeġġa qawwija li jkollu plejer. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[il-]grupp tal-mewt**
F'kampjonat, grupp li jkun magħmul minn timijiet ibsin ħafna. [R,K,M,D,Ġ]

**għabbewhom bil-gowls** [P,K,M,Ġ]
Ara **mlewhom bil-gowls.**

**għadda [bi] żbrixx** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ħakk mal-lasta (l-wieqfa / l-mimduda).**

**għadda l-ballun**
Meta plejer iqassam jew jagħti l-ballun lil sieħbu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għadda mal-linja**
Meta plejer jirnexxilu jaqbeż lill-avversarju biex ikun jista' jattakka minn fuq il-ġenb tax-xellug jew tal-lemin. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għadda minn forma tajba**
Meta plejer jew tim ikollhom sensiela ta' wirjiet tajbin jew ta' rebħiet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għadda plejer**
1. Meta plejer jirnexxilu jaqbeż plejer ieħor. [P,K,M,D,Ġ]

**għaddas rasu**
Meta plejer ma jgħollix rasu u ma jagħtix kas li hemm sħabu f'pożizzjoni aħjar. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għaddieh passata** [P,K,M,D]
Ara **ġabu żugraga.**

**għadu fil-logħba**
Meta tim, għalkemm ikun qed jitlef, xorta jkollu ċans tajjeb li jieħu xi ħaġa mill-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għafas fuq l-attakk**
Meta tim li jkun qed jattakka, jibqa' jagħmel hekk. [R,K,M,D,Ġ]

**għafas fuq l-offensiva** [R,K,M,D,Ġ]
Ara **għafas fuq l-attakk.**

**għaffiġha**
Xi ħadd li jagħmel żball kbir. [R,P,K,M]

**għafsuhom** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ppressa.**

**għalaq 'il ġewwa**
Meta difensur ikun qiegħed f'pożizzjoni mġennba u jidħol għan-nofs. [P,K,M]

**għalaq il-lasta**
Meta gowler joħroġ għall-plejer bil-ballun u b'idejh miftuħa jgħattilu l-wisa' tal-lasta. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għalaq il-partita**
Meta tim jaċċerta ruħu li r-rebħa hija tiegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għalaq ix-xutt**
Meta plejer iwaqqaf it-tqassima jew ix-xutt tal-avversarju billi jitfa' ġismu quddiem il-ballun biex ma jħallihx jgħaddi. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għalaq lejn il-lasta** [P,K,M,D]
Ara **qata' 'l ġewwa.**

**għalaq l-ispazji** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **għalaq tajjeb.**

**għalaq tajjeb** [R,P,K,M,D,Ġ]
Meta plejer ma jħallix lill-avversarju jgħaddi u jersaq lejn il-lasta.

**għalaq wara**
Meta tim jiddefendi tajjeb jew għax jintefgħu ħafna plejers fuq wara, jew għax id-difensur ma jħallix lil min ikun qed jattakka jagħmel xogħlu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għalaqlu t-triq**
Ma ħalliehx jgħaddi. [P,K,M,D,Ġ]

**għallimha**
Meta plejer jagħmel mossa (jew mossi) biex ifixkel lill-avversarju waqt li juri l-klassi tiegħu. Il-mossi aktar jagħmilhom għal hekk milli biex jaqbeż lill-avversarju. [R,P,K,M,D]

**għallimhom jilagħbu l-futbol** [R,P,K,M,D]
Ara **lezzjoni ta' futbol.**

**għamel finta**
Meta plejer jagħmel tabirruħu li se jagħmel ħaġa, iżda b'mossa jagħmel xi ħaġa oħra biex iqarraq bl-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għamel għal żaqqu**
Meta xi ħadd jaħseb għalih u jkun individwalist. Tintuża l-aktar meta plejer ma jqassamx lil sieħbu f'azzjoni ta' gowl imma jagħżel li jixxuttja lejn il-lasta. [P,K,M,D]

**għamel il-ballun**
Meta plejer jirnexxilu jiskorja. F'każ ta' gowl sabiħ, jgħidu **għamel ballun tajjeb.** [R,P,K,M,D]

**għamel kuntatt mal-ballun**
Meta plejer jolqot il-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għamel l-iskor aktar rispettabbli**
Meta tim ikun minn taħt sew u, għalkemm jispiċċa tellief, jiskorja aktar minn darba u jnaqqas id-differenza fl-iskor. Ngħidu aħna, ir-riżultat minn 5-1 isir 5-3. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għamel tiegħu l-ballun** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **ħakem il-ballun.**

**għamel xalata**
Meta tim isib avversarju dgħajjef u jirnexxilu jegħlbu faċilment. [R,P,K,M]

**għamilhom [2-0]**
Meta xi ħadd jiskorja u, ngħidu aħna, jagħmilhom tnejn b'xejn. [R,P,M]

**għandu l-ħażen tal-logħba**
Meta l-plejer ikun makakk, ta' esperjenza u jaf x'għandu jagħmel matul il-logħba. [R,P,K,M]

**għandu l-kunfidenza mal-ballun**
Meta plejer ikun kapaċi jitkessaħ bil-ballun, jiżfen bih, jagħmel il-mossi, eċċ. Ħafna drabi jkun plejer tekniku li jkollu din il-kunfidenza. [P,K,M,D,Ġ]

**għandu raġel warajh**
Meta plejer bil-ballun ikollu l-avversarju warajh lest biex jisraqhulu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għandu riflessi tajbin**
Meta gowler ikun ħafif u jilqa' l-blalen b'saħħithom anki mill-viċin. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għandu s-santi**
Plejer jew gowler li jkollu xortih tajba u jgħidu li jkollu l-qaddisin jaqbżu għalih. [R,P,K,M,D]

**għandu x-xamma tal-gowl**
Plejer li jkun jaf jaħtaf l-iċken okkażjoni u jkun fil-post eżatt biex jiskorja mill-ewwel. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għandu x-xejra tal-logħob favurih**
Meta tim ikollu ħafna aktar mil-logħob. [P,K,M,D,Ġ]

**għandu żewġ pulmuni**
Plejer li għandu nifs tajjeb u jdum biex jegħja. [K,M,D]

**għaqqadha**
Meta plejer jagħmel mossa (jew mossi) biex ifixkel lill-avversarju bil-ħsieb li jaqbżu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għar-ritratti** [P,K,M]
Ara **gallarija.**

**għarax il-ballun**
Meta plejer ma jixxuttjax b'saħħtu, jew imiss kemm kemm il-ballun meta jkun suppost jagħtih aktar b'saħħtu. [P,K,M,D]

**għatxan għar-rebħ / bil-għatx għar-rebħ**
Tim li jkollu f'moħħu li jirbaħ l-unuri. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għeleb**
1. Meta plejer jirnexxilu jiskorja u l-gowler ikun involut fl-azzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta tim jirnexxilu jirbaħ lill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Meta plejer jaqbeż ieħor. [K,M]

**għeleb in-nasba tal-*offside***
Meta plejer li jkollu ċans ta' gowl jirnexxilu jibqa' f'pożizzjoni regolari u ma jaqax *offside*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għenu**
Meta plejer joqrob lejn sieħbu li jkollu l-ballun (u ġieli jsejjaħlu) biex iqassamhulu u hekk sieħbu ma jibqax taħt pressjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għoddu qala' l-lasta minn postha**
Meta plejer jixxuttja b'saħħa kbira u jistampa l-lasta. [R,P,M,D]

**għoddu qatta' x-xibka**
Meta plejer jixxuttja b'saħħa kbira u jiskorja. [P,K,M,D]

**għola fuq kulħadd**
Meta plejer jirnexxilu jirbaħ il-ballun fl-arja, fil-mument li jogħla qalb l-attakkanti u d-difensuri. L-espressjoni timplika li l-ballun missu b'rasu waqt li għola għalih. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għolla l-ballun**
1. Meta plejer jew gowler jixxuttja l-ballun fil-għoli. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta tim fil-logħob tiegħu jkun qed iżomm il-ballun dejjem fil-għoli. [R,P,K,M,Ġ]

**għolla rasu**
Meta plejer ifittex fil-bogħod fejn qegħdin sħabu biex iqassmilhom. [R,P,K,M,D,Ġ]

**għollieh [mas-smewwiet]** [R,P,K,M,D]
Ara **qatgħu (2).**

**[l-]għoti tal-*penalties*** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara [l-]**lotterija tal-*penalties.***

**hedded il-lasti**
Meta plejer ikun perikoluż b'xi xutt mogħti lejn il-lasti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**hedded lil ...** (isem tat-tim jew tal-gowler)
Meta plejer jew tim ikunu perikolużi f'xi azzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**hemm tim wieħed biss fil-grawnd**
Tingħad meta tim tant ikun superjuri għat-tim l-ieħor li donnu hu biss ikun qed jilgħab. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ħa daqqa ta' ħarta**
Meta tim isofri xi gwaj kbir, ngħidu aħna, xi telfa jew tkeċċija ta' plejer importanti waqt il-partita. [R,P,K,M,D]

**ħa d-daqqa tal-mewt**
Tingħad meta tim li jkun minn taħt b'gowl jew tnejn, jaqla' ieħor lejn tmiem il-partita u jitlef kull tama li jġib riżultat pożittiv. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ħa dehxa**
Meta tim iġarrab ħaġa negattiva li ma jkunx qed jistennieha. Normalment tintuża meta jaqla' gowl għal għarrieda. [R,P,K,M,D]

**ħa l-logħba f'idejh** [R,P,K,M,D]
Ara **ddetta l-logħob.**

**ħa n-nofs** [R,P,K,M,D]
Ara **rebaħ nofs il-grawnd.**

**ħa xokk**
Ara **ħa dehxa.**

**ħabbat [il-ballun]**

1. Meta plejer iqassam fil-qosor lil sieħbu li jroddhulu mill-ewwel; ħafna drabi jqassmu 'l quddiem. Bl-Ingliż jissejjaħ *wall-pass*. [R,P,K,M,D]
2. Plejer jista' jħabbat ukoll ma' sieħbu li jkun għadu kemm qassamlu; hekk ikun qiegħed jirritornalu l-ballun. Hawn ma jissejjaħx *wall-pass*. [R,P,K,M,D]

**ħabbat lill-gowler** [R,P,K,M,D]
Ara **impenja lill-gowler.**

**ħabbtu darba**
Tingħad meta l-logħob jerġa' jinbeda mir-referì wara li jkun waqqfu, billi jitlaq il-ballun u l-plejers jistennewh jaħbat darba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ħabbtuhom**
Meta tim jagħti x'jagħmel lill-avversarju. [R,K,M,D,Ġ]

**ħadem**
Meta plejer ikun wera impenn kbir matul it-taħriġ jew waqt il-logħba. [R,P,K,M]

**ħadem bil-ballun**
Meta plejer ikollu l-ballun f'saqajh u jistinka biex jgħaddi bih jew biex iqassmu. [P,K,M,D]

**ħadem gowl**
Meta plejer jiżviluppa l-azzjoni u mbagħad iqassam lil sieħbu li jiskorja permezz tat-tqassima tiegħu. Tisma' lil min jgħid **it-tali ħadem gowl u skorja ieħor.** [R,P,K,M,D]

**ħadem għall-ballun**
Meta plejer jistinka biex jikseb il-ballun. [P,K,M,D]

**ħadem għat-tim**
Tingħad għal plejer li aktar jinteressah il-ġid tat-tim milli li jidher hu. [R,P,K,M,D]

## ħadem il-ballun

1. Meta l-plejers itellgħu l-ballun tajjeb u b'mod organizzat. Tisma' 'l min jgħid **kemm ħadmuh tajjeb il-ballun!** [P,K,M,D]
2. Meta plejer jaqbeż id-difensuri u jkompli dieħel bil-ballun u jitma' kross pinġut lil sieħbu. [P,K,M,D]
3. Ara **ħadem gowl.** [R,P,K,M,D]

## ħadem mingħajr ballun

1. Meta plejer li ma jkollux il-ballun f'saqajh jagħmel ġirjiet biex jinqala' minn mal-avversarju, joħloq spazju u b'hekk joffri alternattiva għal tqassima. [P,K,M,D]
2. Meta plejer li ma jkollux il-ballun f'saqajh jistinka biex jieħu l-ballun. [P,K,M,D]

## ħadlu ismu

Meta r-referì juri l-karta s-safra jew il-ħamra lill-plejer u jniżżillu ismu fil-ktejjeb tiegħu. [R,P,K,M,D]

## ħadlu l-ballun

Meta plejer jieħu l-ballun minn sieq l-avversarju permezz ta' xi daħla tajba jew għax l-avversarju ma jkunx irnexxielu jaqbżu. [R,P,K,M,D]

## ħadlu postu

1. Meta plejer jidħol jilgħab flok ieħor li jkun beda l-logħba. [R,P,K,M,D]
2. Meta plejer jibda logħba flok sieħbu li fil-partita ta' qabel kien lagħab fl-istess pożizzjoni. [R,P,K,M,D]
3. Meta plejer fil-grawnd ikopri l-pożizzjoni ta' sieħbu li jkun inqabad band'oħra. [R,P,K,M,D]

## ħadlu siequ

Meta plejer jolqot sieq il-plejer flok il-ballun. [R,P,K,M,D]

## ħadu l-inizjattiva

Meta tim jieħu l-kmand tal-logħob fil-bidu tat-taqsima. [R,P,K,M,D]

## ħadu tajjeb

Meta plejer joħroġlu xutt tajjeb ħafna. Meta jolqot il-ballun ħażin, ngħidu **ħadu ħażin.** [R,K,M,D,Ġ]

**ħaduhielhom**

1. Meta tim jirbaħ lill-ieħor. [R,P,K,M,D]
2. Meta tim jirbaħ lil ieħor allavolja s-soltu jitlef kontrih. [R,P,K,M,D]

**ħaduhom**

Meta tim ikun tassew superjuri għall-avversarju f'ħin partikolari tal-partita. [R,P,K,M,D]

**ħafirhielu**

Meta r-referì jagħlaq għajnejh għal xi ħaġa li jkun għamel plejer, ngħidu aħna, flok il-karta l-ħamra jurih is-safra jew ma jsaffarx għal xi *penalty*. [R,P,K,M,D]

**ħafirhulhom**

Tingħad b'referenza għall-attakkant li ma jiskorjax gowl ċert. [R,P,K,M,D]

**[il-] ħajja tat-tim** [P,M,Ġ]

Ara [l-] **pern tat-tim.**

**[il-] ħajt difensiv / il-ħajt tad-difiża**

Il-protezzjoni li tibni d-difiża biex l-avversarju ma jiskorjax. Jista' jkun permezz ta' barriera jew anki waqt li qed jiddefendu, billi jkopru l-ispazji u l-pożizzjonijiet kollha. [R,P,K,M,D,Ġ] / [R,P,K,M,D]

**ħakem il-ballun** [M,Ġ]

Meta l-gowler ikollu kontroll assolut tal-ballun.

**ħakk mal-lasta (l-wieqfa / l-mimduda) / ħakkek mal-lasta**

Meta l-ballun jgħaddi bi żbrixx minn mal-lasta jew kemm iħokk magħha. [R,P,K,M,D]

**ħalla l-ballun warajh**

Meta plejer li jkollu l-ballun, bi żball jitfixkel u jħallih warajh. [R,P,K,M,D]

**ħalla l-logħob għaddej**

Meta r-referì ma jsaffarx għall-fawl – jew biex jagħti l-vantaġġ jew għax jidhirlu li ma kienx fawl. [R,P,K,M,D]

**ħalla l-vantaġġ jitmermer**
Meta tim li jkun qed jirbaħ bi skor sabiħ, jaqla' xi gowls u l-vantaġġ tiegħu jitnaqqas. It-tim xorta jibqa' minn fuq. [K,Ġ]

**ħalla postu** [R,P,K,M,D]
Ara **ċeda postu.**

**ħallieh barra**
Meta l-kowċ ma jagħżilx plejer għal logħba. [R,P,K,M,D]

**ħallieh fuq il-bank**
Meta kowċ jagħżel plejer għal partita imma ma jdaħħlux. [R,P,K,M,D]

**ħallieh jaħbat**
Meta l-ballun jitħalla jaħbat mal-art qabel ma jmissu plejer. [R,P,K,M,D]

**ħallieh sejjer barra**
Meta plejer iħalli l-ballun joħroġ barra allavolja kieku ried seta' żammu fil-grawnd. [R,P,K,M,D]

**ħalq il-kaxxa**
Il-pożizzjoni fuq il-linja tal-kaxxa l-kbira jew taż-żgħira. [R,P,M,D]
Eż. *Minn mal-linja Attard ikkrossja lil Micallef u minn* ***ħalq il-kaxxa*** *ma falliex.*

**ħalq il-lasta**
Minn taħt il-lasta, jew aħjar minn ġol-kaxxa ż-żgħira. [R,P,M,D]
Eż. *Mifsud ikkonferma l-opportuniżmu tiegħu meta l-ballun li ħarab lill-gowler wasal f'saqajh u tefgħu ġewwa minn* ***ħalq il-lasta.***

**ħaqru**
Meta plejer jew tim ikunu viċin li jiskorjaw jew li jirbħu imma bi sfortuna ma jiksbux dak li ħadmu għalih. [R,P,K,M,D]

**ħarab bil-ballun**
Meta plejer jaqbad il-ballun f'saqajh u jitlaq jiġri bih u ħadd ma jkun jista' joħodhulu. [R,P,K,M,D]

**ħarab lill-plejer**
Meta plejer jiżgiċċa lill-avversarju tiegħu. [R,P,K,M,D]

**ħarablu l-ballun**
1. Meta l-gowler ma jżommx il-ballun wara xutt qawwi. [R,P,K,M,D]
2. Meta plejer ma jżommx il-ballun sewwa ma' saqajh u jispiċċa jitilfu. [P,K,M,D]

**ħaraq xutt**
Meta plejer jixxuttja b'saħħtu ħafna. Il-kowċ ġieli jinstema' jgħajjat lill-attakkant **aħraq!** Meta l-gowler jilqa' xutt bħal dan, sħabu jgħidulu **jaħraq!** [R,P,M]

**ħarba**
Meta tim sħiħ jaqbad lill-avversarju fuq sieq waħda għax dan tal-aħħar ma jkollux ċans jippożizzjona ruħu. [R,P,K,M,D]

**ħarbat id-difiża** [R,P,K,M,D]
Ara **dawwar id-difiża.**

**ħareġ**
Tingħad għal plejer li ma jibqax jilgħab il-partita u jiġi sostitwit. [R,P,K,M,D]

**ħareġ b'idu vojta**
Meta tim ma jiksibx punti mil-logħba. [R,P,K,M,D]

**ħareġ bil-ballun**
Meta difensur flok iqassam jew jitfa' 'l fuq, javvanza hu bil-ballun. [R,P,K,M,D]

**ħareġ bl-unuri** [R,P,K,M,D]
Ara **rasu mgħollija.**

**ħareġ fil-vojt**
1. Ara **qabad l-arja.** [R,P,K,M,D]
2. Meta l-gowler joħroġ biex, ngħidu aħna, itajjar il-ballun iżda l-avversarju jilħaq qablu. [R,P,K,M,D]

**ħareġ fuq l-attakk** [R,K,M,D]
Ara **ħarġu fuqhom.**

**ħareġ fuqu**
Meta plejer ma jagħtix spazju lill-avversarju tiegħu u jersaq kemm jista' jkun viċin tiegħu biex ma jħallihx jirċievi t-tqassima b'mod faċli. [R,K,M,D,Ġ]

**ħareġ għall-ballun**
1. Meta plejer jipprova joħroġ qabel l-avversarju għall-ballun. [R,P,K,M,D]
2. Meta l-gowler ma jibqax wieqaf fil-lasta iżda joħroġ biex jilqa' jew itajjar il-ballun bil-ġirja. [R,P,K,M,D]

**ħareġ għar-rebħa**
Meta tim jagħti indikazzjoni li jrid jirbaħ mill-ewwel mumenti tal-ewwel taqsima jew tat-tieni. [R,P,K,M,D]

**ħareġ il-karta**
Meta r-referì juri l-karta s-safra jew il-ħamra lil xi plejer. Jista' jingħad ukoll **ħareġ is-safra** jew **ħareġ il-ħamra.** [R,P,K,M,D]

**ħareġ il-logħba**
Ara d-**daqqa tagħna.** [R,P,K,M,D]
1. Meta l-logħba terġa' tibda wara li jiġi skorjat gowl. [R,P,K,M,D]

**ħareġ mill-qiegħ tad-difiża** [R,P,K,M]
Ara **ħareġ mill-qoxra difensiva.**

**ħareġ mill-qoxra difensiva**
Meta t-tim li qed jiddefendi jirnexxilu joħroġ miz-zona tad-difiża. [R,P,K,M,D]

**ħareġ qablu**
Meta plejer joħroġ quddiem il-plejer li jkun ħa jirċievi l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ħareġ tajjeb / ħażin**
1. Meta tim jibda t-taqsima tajjeb/ħażin. [R,P,K,M,D]
2. Il-gowler joħroġ tajjeb meta jantiċipa xi kross fil-ħarġa tiegħu mil-lasta jew meta jagħlaq l-angoli tajjeb, meta jiġi wiċċ imb wiċċ ma' ta' kontrih. Joħroġ ħażin meta ma jagħmilx dan. [R,P,K,M,D]

**ħarġitlu logħba tajba / ħażina**
Meta plejer ikun lagħab tajjeb/ħażin ħafna. [R,P,K,M,D]

**ħarġu fuqhom**
Meta tim jibda t-taqsima mill-ewwel fuq l-attakk. [R,P,K,M,D]

**ħarġu għalihom** [R,P,K,M,D]
Ara **ħarġu fuqhom.**

**ħartu** [R,P,K,M,D]
Ara **qatgħu (1).**

**ħassarhom**
Meta tim jirbaħ u jdamdam lill-avversarju. [P,K,M]

**ħassar il-gowl**
Meta r-referì ma jikkonvalidax gowl għax jidhirlu li ma kienx regolari. [R,P,K,M,D]

**ħataf il-ballun**
1. Meta l-gowler ikun padrun tal-kaxxa tiegħu u jaqbad il-ballun b'idejh it-tnejn. [P,K,M,D]
2. Meta plejer jisraq il-ballun mingħand l-avversarju. [P,K,M]

**ħawwad id-difiża** [P,K,M,D]
Ara **dawwar id-difiża.**

**ħażżu**
Espressjoni qawwija dwar gowler li jerġa' jaqla' gowl. Ġieli bi nkejja jgħidulu biex **iħożżu mal-bqija.** [P,D]

**ħela l-ballun / ħela ċans**
Meta plejer ikollu ċans tajjeb jagħmel xi ħaġa bil-ballun, ngħidu aħna, jixxuttja jew jikkrossja, iżda jiżbalja u ċ-ċans jaħlih. [K,M,D,Ġ]

**ħela l-ħin**
1. Meta tim ikun kuntent bl-iskor u jmewwet ir-ritmu tal-logħob sa tmiem il-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer tat-tim li jkun kuntent bl-iskor, iwaqqaf ir-ritmu tal-partita billi jagħmel tabirruħu li weġġa' u jġiegħel lir-referì jwaqqaf l-azzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ħeles il-periklu** [R,P,K,M,D]
Ara **tefa' l-ballun 'il fuq (1).**

**ħeles mill-ballun**

1. Ara **tefa' l-ballun 'il fuq.** [R,P,K,M,D]
2. Meta plejer ma jżommx il-ballun f'saqajh meta jkun hemm bżonn, forsi għax ma tantx ikollu kunfidenza mal-ballun jew jibża' li jitilfu. [R,P,K,M]

**ħelibhom** [R,P,K,M,D]
Ara **qatgħalhom nifishom.**

**il-ħin barrani**
In-nofs siegħa (żewġ taqsimiet ta' kwarta l-waħda) mogħtija żejda wara d-90 minuta f'kompetizzjoni tal-fażi eliminatorja meta l-iskor ikun intemm dro. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-ħin kollu jaqa'**
Meta plejer jaqa' għal kull ħaġa ta' xejn anki jekk ma jmissuhx, aktarx biex jipprova jikseb fawl favurih. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-ħin miżjud**
Il-ħin li jkun inħela waqt il-partita u li r-raba' uffiċjal iżomm kont tiegħu biex itih wara kull taqsima. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-ħin supplimentari** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **l-ħin barrani.**

**ħoloq konfużjoni**
Meta plejer jiżbalja fil-kaxxa l-kbira u jqiegħed lil sħabu f'diffikultà għax, ngħidu aħna, il-ballun jitfgħu qalb ħafna plejers. [R,K,M,Ġ]

**ħoloq periklu**
Meta plejer ikun viċin li jiskorja imma ma jirnexxilux. [R,P,K,M,D]

**ħruġ ix-xfafar**
Meta l-plejers jibdew jidħlu għar-raġel biex iwaqqfu lill-avversarji u jweġġgħuhom. L-avversarji aktarx ikunu ħfief aktar minnhom u jkunu qed jaqbżuhom spiss. [M]

**ħudha t-tarzna!**
Espressjoni li tingħad bi nkejja lil plejer li jixxuttja ħażin, u li tfisser li aħjar imur isewwi siequ t-tarzna! [P,M,D]

**imblokka x-xutt** [R,P,K,M,D]
Ara **għalaq ix-xutt.**

**impenja lill-gowler**
Meta plejer avversarju jagħti x'jagħmel lill-gowler, ngħidu aħna, billi jixxuttjalu. [R,P,K,M,D]

**indeċiżjoni fid-difiża**
Żball tad-difiża. [R,P,K,M,Ġ]

**indimunjat**
Tingħad bi stagħġib u ammirazzjoni għal dak il-plejer li jkun qed jilgħab tajjeb jew ikun qed jiġri ħafna. [R,P,K,M,D]

**ingrana** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **daħal fil-partita (2).**

**insista fuq l-attakk** [R,P,K,M,D]
Ara **kompla jagħfas.**

**intervall** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara l-**mistrieħ.**

**introduċa [plejer]**
Meta kowċ jilgħab plejer għall-ewwel darba, ngħidu aħna, ikun jilgħab mal-kategorija ta' taħt id-19-il sena u jdaħħlu jilgħab għall-ewwel darba mal-kbar. [R,K,M,D,Ġ]

**ivvinta gowl**
Meta plejer jagħmel gowl sabiħ u ħadd ma jkun jaf minn fejn ġabu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**jaf jaħdimha** [P,K,Ġ]
Ara **għandu l-ħażen tal-logħba.**

**jagħżaq**
Tingħad għal plejer jew tim li jkunu qed jilagħbu ħażin. [R,P,K,M,D]

**jaħseb li laħaq id-dinja** [R,P,K,M,D]
Ara **telgħetlu għal rasu.**

**jilgħabha** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **għaqqadha.**

**jitla' u jinżel**

1. Dak il-plejer li jilgħab mal-linja u jirnexxilu jkopriha tajjeb, kemm biex jiddefendi u kemm biex jattakka. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta ż-żewġ timijiet jattakkaw lil xulxin b'ritmu mgħaġġel u filli wieħed jattakka u filli jsib ruħu jiddefendi. L-attakki miż-żewġ timijiet isegwu lil xulxin. Tingħad ukoll b'referenza għall-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kabbar id-distakk**

1. Meta d-differenza ta' gowls bejn tim u ieħor tkompli tikber waqt il-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta d-differenza tal-punti fil-klassifika tkompli tikber. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kabbar il-vantaġġ**

Meta tim li jkun minn fuq, jerġa' jiskorja, ngħidu aħna, minn 1-0 l-iskor jagħmlu 2-0. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kabbar l-iskor**

1. Ara **kabbar il-vantaġġ.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta l-iskor jiżdied, jista' jkun li ż-żewġ timijiet ikunu komplew jiskorjaw, ngħidu aħna, minn 2-1 għal 5-3. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kalamita** [R,P,K,M,D,Ġ]

Ara **weħel ma' saqajh (1)** u **(2).**

**kampjonat**

Kompetizzjoni li ssir bejn għadd imdaqqas ta' timijiet matul staġun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kanun / kanunata** [P,K,M,D,Ġ] / [R,K,M,D,Ġ]

Ara **missila.**

**karambola**

Meta jkun hemm taħwida sħiħa fil-kaxxa u l-ballun jibda jaħbat ma' ħafna plejers. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-karta**
1. Din ikun fiha l-ismijiet tal-plejers li jkunu se jilagħbu u trid tingħata mill-kumitat tat-tim lil uffiċjal qabel il-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Dak li suppost għandu jiġri. Jekk wieħed iqabbel il-plejers taż-żewġ timijiet, isib li tim A aħjar minn tim B, allura fuq il-karta għandu jirbaħ tim A. [R,P,K,M,D,Ġ]

**keċċieh 'il barra**
Meta r-referì juri l-karta l-ħamra lil plejer u jkeċċih mil-logħba. Fil-grawnd tisma' ħafna t-taqsira **barra**, l-aktar meta l-partitarji ta' kontra dan il-plejer jgħajtu biex jitkeċċa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kellu iżjed mil-logħob**
Tingħad meta tim ikun aħjar mill-avversarju fl-għadd u l-kwalità tal-azzjonijiet, iżda mhux bilfors joħroġ rebbieħ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**keskes il-ballun**
Meta plejer jitfa' l-ballun 'il fuq għat-tul bl-addoċċ meta jkun seta' lagħbu fil-baxx ma' sieħbu. [R,P,K,M]

**kibritlu rasu** [R,P,K,M,D]
Ara **telgħetlu għal rasu.**

**kien fl-azzjoni**
Meta plejer ikun preżenti ħafna fejn ikun hemm il-ballun. [R,P,K,M,Ġ]

**kien fuq l-attakk**
Meta tim ma jkunx qed jiddefendi iżda jattakka. [R,K,M,D,Ġ]

**kien ta' periklu** [R,K,M,D]
Ara **ħoloq periklu.**

**kienu fuqhom**
Meta t-tim jattakka lil ta' kontrih, ħafna drabi għal ħin daqsxejn twil, u jkun aħjar minnhom. [R,P,K,M,Ġ]

**kiluhom**
Tingħad għal tim li jkun superjuri għalkollox għat-tim l-ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kines**

1. Meta plejer iwaqqa' b'mod goff lil ta' kontrih, u wisq probabbli jweġġgħu. [R,P,K,M]
2. Meta tim jirbaħ lill-avversarju bi skor kbir. [K,M]

**kiseb il-ballun**

Meta plejer jasal l-ewwel fuq il-ballun, ngħidu aħna, wara li difensur keskes il-ballun. [P,K,M,Ġ]

**kiseb lura ftit tad-dinjità**

Tingħad għal tim li, wara li jkun ħareġ tellief fil-logħba/logħbiet ta' qabel, jikseb rebħa. [R,P,K,M,Ġ]

**kisser il-logħob** [P,K,M,D,Ġ]

Ara **kisser l-attakk.**

**kisser l-attakk**

Meta plejer jew tim iwaqqfu azzjoni tal-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kissru l-plejer**

Meta plejer isofri ħafna daħliet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kissruhom**

Meta tim jirbaħ lill-avversarju b'wirja sabiħa u bi skor kbir. [R,P,K,M,D]

**[i]kkalma l-logħob**

Tingħad meta plejer ma jgħaġġilx biex iqassam il-ballun jew biex jibda azzjoni, jew meta l-plejer jorganizza l-logħob. [P,K,M,D,Ġ]

**[i]kkontrolla l-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]

Ara **żamm il-ballun (3).**

**[i]kkontrolla l-logħba**

1. Meta tim ikollu l-kmand tal-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **amministra l-partita (1).** [P,K,M,D,Ġ]

**[i]kkontrolla l-pressjoni**

Meta tim jibqa' jiddefendi b'mod organizzat. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]kkontrolla lill-avversarju** [R,P,K,M,D,Ġ]

Ara **amministra l-partita (1).**

**ikkontrolla s-saħħa tal-ballun**
Meta plejer jagħti l-ballun lil sieħbu, li jkun ’il bogħod, eżatt f’saqajh. [P,K,M,D,Ġ]

**ikkrossja / ta kross**
Meta plejer jitfa’ l-ballun minn mal-linja lil sieħbu f’pożizzjoni ċentrali. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-klassifika**
Il-lista tat-timijiet kollha ta’ dik id-diviżjoni bl-ammont ta’ logħob li lagħbu, rebħu, tilfu, ġew indaqs fihom, kemm skorjaw, kemm qalgħu, id-differenza ta’ gowls u kemm għandhom punti. Il-klassifika tista’ tkun **qasira** jew **twila**, skont kemm ikun hemm distanza kbira bejn it-timijiet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kollha wara l-ballun**
Meta l-ballun ikun f’saqajn l-avversarji u t-tim kollu li jkun qed jiddefendi jkun bejn l-avversarji u l-lasta. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kolonna** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **pilastru.**

**kompla għal ġewwa**
Meta plejer jiskorja b’mod ħafif, ngħidu aħna, f’lasta vojta, bis-saħħa tax-xogħol li jkun għamel sieħbu. [R,K,M,D,Ġ]

**kompla jagħfas**
Meta tim ikompli jattakka u jinsisti biex isib il-gowl, azzjoni wara azzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kompla l-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **żied il-ballun.**

**konfront** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **logħba taħraq (1)** u **(2)**.

**konfront dirett**
Logħba bejn żewġ timijiet li jkunu qed jiġġieldu għall-istess għan, ngħidu aħna, il-promozzjoni jew ir-relegazzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kontra sieqhu**
Meta plejer lemini jikkontrolla l-ballun bix-xellug, jew bil-maqlub. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kontra x-xejra tal-logħob**
Meta tiġri xi ħaġa mhux mistennija, bħal meta tim li jkun ilu jagħfas lill-avversarju jaqla' gowl. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kontrattakk**
Meta tim li jkun qed jiddefendi jirnexxilu jirbaħ il-ballun u jitla' jattakka b'mod veloċi u ma jagħtix ċans lill-avversarju jsib il-pożizzjoni tiegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**korner dirett**
1. Meta l-plejer li jagħti l-korner ma jilagħbux qasir iżda jagħtih fit-tul. Minħabba li tista' tinħoloq ambigwità bejn iż-żewġ tifsiriet ta' **korner dirett,** għal din it-tifsira hawn min jgħid **dendlu fil-kaxxa.** [R,P,K,Ġ]
2. Meta l-plejer li jagħti l-korner jipprova jiskorja. [R,P,K,M,Ġ]

**korner qasir**
Meta l-plejer li jagħti l-korner ma jagħtihx dirett iżda jilagħbu viċin lil sieħbu li jkun ġie jitlob il-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**kulħadd mal-flokk tiegħu** [R,P,D]
Ara **mmarka r-raġel.**

**kummiedja** [R,P,K,M,D]
Ara **paprata.**

**lagħab bi plejer aktar**
Ara **lagħab b'raġel aktar.**

**lagħab bi plejer anqas**
Ara **lagħab b'raġel anqas.**

**lagħab b'raġel aktar**
Meta tim ikollu plejer aktar wara li l-avversarji jkun tkeċċielhom wieħed. [P,K,M,D,Ġ]

**lagħab b'raġel anqas**
Meta jitkeċċa plejer u t-tim ta' kontrih ikollu plejer aktar. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab favur siequ**
Meta l-pożizzjoni fil-grawnd ta' plejer lemini tkun fuq il-lemin, jew bil-maqlub. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab fl-ispazju**
Meta plejer iqassam fil-vojt li jinħoloq permezz tal-moviment ta' sħabu. [P,K,D,Ġ]

**lagħab għad-dro**
Meta l-għan tat-tim ikun li jġib punt mill-partita għax ikun biżżejjed biex jikkwalifika, jew inkella għax ikun qed jilgħab kontra tim b'saħħtu u allura jikkuntenta bi dro. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab għal ħajtu**
Meta plejer jagħti kollox fil-partita, jibqa' jissielet, jiġri sal-aħħar u jipprova jirbaħ dik il-partita għax importanti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab għal rasu**
Meta plejer ma jqassamx u jkun individwalist iżżejjed. [R,P,K,M,D]

**lagħab għall-gazzetti**
Meta plejer jilgħab għal għajn in-nies. Ikun iktar moħħu li jsemmuh tal-gazzetti milli biex jilgħab għat-tim. [M]

**lagħab għall-isem** [R,P,K,M,D]
Ara **lagħab għall-gazzetti.**

**lagħab għar-raġel** / **lagħbu r-raġel** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **fittex ir-raġel (2).**

**lagħab għar-rebħa**
Meta l-għan tat-tim ikun li jikseb it-tliet punti mill-partita akkost ta' kollox. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab il-ballun**
Meta plejer imexxi l-ballun ma' sħabu. Plejer jista' jilgħab il-ballun 'il fuq, lura jew anki la ġenba. [R,P,Ġ]

**lagħab il-*waterpolo***
Tingħad meta l-iskor ikun kbir ħafna (għax l-iskor tal-*waterpolo* normalment ikun kbir ħafna ħdejn tal-futbol). [P,K,M,D]

**lagħab karta**
Meta matul il-logħba l-kowċ jipprova jbiddel xi ħaġa fil-formazzjoni tat-tim, fil-pożizzjoni tal-plejers jew fit-tattika tal-logħob. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab kontra l-ħin**
Meta tim ikollu bżonn jiskorja imma ma tantx ikun fadal ħin x'jintlagħab. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab kontra sieqi**
Meta l-pożizzjoni fil-grawnd ta' plejer lemini tkun fuq ix-xellug, jew bil-maqlub. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab mal-linja**
Plejer li jilgħab fuq xi ġenb tal-grawnd, ngħidu aħna, fuq il-lemin. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħab waħdu**
1. Ara **lagħab għal rasu.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta minn tim sħiħ ikun hemm plejer wieħed biss li jkun qiegħed jilgħab tajjeb. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lagħabhielu** [R,P,K,M,D]
Ara **tahielu.**

**lagħabhulu f'sieqi / koxxtu / sidru ...**
Meta plejer jagħti tqassima preċiża skont fejn jitlobhulu sieħbu. [R,P,K,M,D]

**lagħbu** [P,K,M,Ġ]
Ara **waqqgħu *offside*.**

**lagħbu b'idu / lagħbu b'sieqi**
Meta l-gowler jitfa' l-ballun b'idu jew b'sieqi lil sieħbu. [R,P,M,D,Ġ]

**lagħbu 'l barra**
Tingħad meta plejer li jkun wasal sal-lasta avversarja imma jkun imġenneb ħafna jilgħab il-ballun warajh lil dak il-plejer li jkun qed jara l-lasta aħjar minnu. [R,P,M,D]

**laħaq fuq il-ballun**
Meta plejer jasal sal-ballun. [R,P,K,M,Ġ]

**laħaq il-ballun**
Meta plejer jiġri sal-ballun u jieħdu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**laħaq qabel**
Meta l-plejer jew il-gowler jasal sal-ballun u jieħu pussess tiegħu qabel plejer ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**l-aħħar raġel**
Plejer li jilgħab fiċ-ċentru tad-difiża iżda jkun aktar irtirat mid-difensur ċentrali biex, jekk attakkant jaqbeż il-linja difensiva, ikun jista' jsalva s-sitwazzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**laħlaħ** [R,P,K,M,D]
Ara **fajjar xutt.**

**laħlaħ mill-ewwel** [R,P,K,M,D]
Ara **faqqa' mill-ewwel.**

**lanqas li rebaħ it-Tazza tad-Dinja!**
Jgħidha t-tim oppost, b'mod sarkastiku, biex ifisser li t-tim l-ieħor qed jifraħ bix-xejn jew b'mod esaġerat. Varjanti oħra huma **lanqas li rbaħtu ċ-Champions League** jew **lanqas li rbaħtu s-sitt tazzi.** [R,P,K,M,D]

**laqa' l-avversarju**
1. Tingħad għal tim li joqgħod jistenna lill-avversarju f'nofs il-grawnd u ma jmurx jippressa fuq id-difensuri. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Tingħad għal plejer wieħed li meta, ngħidu aħna, in-nofsana jitilgħu kollha jattakkaw, jibqa' lura għassa ħalli, jekk sħabu jitilfu l-ballun, ikun hemm biex iwaqqaf il-kontrattakk. [R,P,K,M,D,Ġ]

**laqa' l-ballun**
Meta l-gowler ma jħallix il-ballun jidħol fix-xibka. [R,P,K,M,D,Ġ]

**laqa' [l-ballun] parzjalment**
Meta l-gowler ma jżommx il-ballun għalkollox u jaħrablu ftit minn idu, jew jilqgħu biss billi jitfgħu 'l bogħod kemm jista' jkun. [R,P,K,M,D]

**laqat il-lasta**
Meta plejer jipprova jiskorja iżda l-ballun jaħbatlu mal-lasta. Nistgħu nagħżlu bejn **laqat il-mimduda** u **laqat il-wieqfa.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**laqgħa** [PROPOSTA]
L-azzjoni li biha l-gowler jilqa' l-ballun. (Plural **laqgħat.**)
Eż. *Fl-aħħar ħames minuti Buffon għamel **laqgħa** stupenda.*
*Kontra l-Liverpool, Hart għamel ħafna **laqgħat** sbieħ.*

**laqqatha**
1. Meta plejer jaqla' daqqa li tweġġgħu. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta tim iġarrab telfa aktarx kbira. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lasta u barra**
Meta l-ballun jaħbat mal-lasta u ma jidħolx fix-xibka, iżda jmur barra. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lasta u ġewwa**
Meta l-ballun jaħbat mal-lasta u jidħol ġox-xibka. [R,P,K,M,D,Ġ]

**leġġenda tal-futbol** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **missier il-futbol.**

**l-ewwel ħdax**
Il-plejers li jibdew il-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**l-ewwel lasta**
L-aktar lasta viċin tal-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**lezzjoni ta' futbol**
Meta tim tant jilgħab tajjeb li jkun qisu qed jgħallem lill-avversarju kif għandu jintlagħab il-futbol. [R,P,K,M,D,Ġ]

**linja difensiva**
Linja immaġinarja ta' lqugħ magħmula mill-plejers li jkunu qed jiddefendu. Id-difiża mhux bilfors tkun magħmula minn linja waħda għax teżisti wkoll difiża b'żewġ linji *(two-line defence)*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]llobbja l-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **qabbeż il-ballun.**

**logħba abbandunata**
Partita li titwaqqaf nofs leħja mir-referì għax ma jkunux rispettati l-kundizzjonijiet mitluba mill-awtorità – ngħidu aħna, meta l-partitarji jaqbżu fil-grawnd u jheddu lill-plejers jew meta jagħmel maltemp qawwi. Logħba bħal din tista' titkompla darb'oħra jew ir-riżultat jiġi deċiż fuq il-mejda. [R,P,K,M,D,Ġ]

**b'logħba aktar**
Meta tim ikun lagħab logħba aktar minn tim ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**b'logħba anqas**
Meta tim ikun lagħab logħba anqas minn tim ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba bilanċjata** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **logħob maqsum.**

**logħba drammatika**
Logħba li toffri ħafna emozzjonijiet u tibqa' eċitanti sat-tisfira finali. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba ħajja**
1. Meta l-logħob ikun b'saħħtu u anki selvaġġ, tant li jkun jista' jweġġa' xi plejer. [R,P,K,M,Ġ]
2. Logħob vivaċi li jkun fih l-azzjonijiet x'tara. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba kbira**
Logħba tajba ħafna, li tkun ta' min jibqa' jiftakarha. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba kkondizzjonata**
1. Meta xi tim jibqa' jħoss u jbati sal-aħħar l-iżball (jew żbalji) tal-plejers jew tar-referì. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Logħba fit-taħriġ li ssir b'kondizzjoni, ngħidu aħna, li plejer ma jkunx jista' jmiss il-ballun aktar minn darbtejn. [R,P,K,M,Ġ]

**logħba kwieta**
Logħba li ma tantx toffri azzjonijiet u emozzjonijiet. (Tista' ma tkunx kwieta l-logħba kollha, imma parti minnha biss, ngħidu aħna, **bidu kwiet** jew **tmiem kwiet.**) [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba li ma toffri l-ebda emozzjoni** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **logħba kwieta.**

**logħba li ma toffri xejn** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **logħba kwieta.**

**logħba maħduma** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **logħba mixtrija.**

**logħba mejta** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **logħba kwieta.**

**logħba missielta**
Logħba li fiha ż-żewġ timijiet jagħmlu l-almu kollu tagħhom u joffru spettaklu, u tibqa' sal-aħħar ma tafx min se jirbaħ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba mistennija**
Logħba li l-partitarji jagħmlu għaliha għax tkun importanti, ngħidu aħna, għax tkun bejn żewġ timijiet qawwija jew għax ikunu qed jiġġieldu biex ma jaqgħux. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba mixtrija**
Partita milgħuba b'qerq biex jinkiseb riżultat miftiehem minn qabel. [P,K,M,D]

**logħba nieqsa**
Logħba li kienet tħassret u issa wasal il-waqt li tintlagħab. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba paċenzjuża**
Meta tim jistenna lill-avversarju jew ma jgħaġġilx fl-azzjonijiet tiegħu biex jattakkah meta tiġih ix-xoqqa f'moxtha. [P,K,M,Ġ]

**[il-]logħba raqdet**
Meta l-logħba ma tibqax sabiħa bħal qabel għax l-azzjonijiet spettakolari jonqsu jew jieqfu. [P,K,M,Ġ]

**logħba rkuprata** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **logħba nieqsa.**

**logħba rranġata** [P,K,M,D]
Ara **logħba mixtrija.**

**logħba sħuna**
Logħba li waqt id-90 minuta tkun karatterizzata minn fawls xi kultant kattivi. Meta l-partita tiħrax ngħidu li **saħnet il-logħba.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba ta' ħbiberija**
Logħba mhux kompetittiva li ssir biex it-timijiet jesperimentaw u jittestjaw il-kwalitajiet tagħhom infushom qabel il-logħob uffiċjali. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħba taħraq**
1. Logħba bejn żewġ timijiet li qed jiġġieldu għall-istess għan, ngħidu aħna, għall-aħħar post li fadal biex jidħlu fiċ-Champions League. [R,K,M,D,Ġ]
2. Logħba li matul id-90 minuta tkun bilanċjata u tħallik fuq ix-xwiek. [R,K,M,D,Ġ]

**il-logħba tal-ġimgħa**
L-aħjar logħba mill-programm ta' futbol għal dik il-ġimgħa. [R,K,M,D,Ġ]

**logħob imċaqlaq** [P,M,Ġ]
Ara **logħob movimentat.**

**il-logħob inkiehom wisq**
Meta l-ballun donnu ma jkunx irid jidħol fix-xibka u t-tim iħossu sfortunat. [P,K,M,Ġ]

**logħob magħluq**
Meta l-attakkanti ma jkollhomx spazju biex jinfdu d-difiża minħabba li t-tim oppost ikun qed jiddefendi b'ħafna plejers wara l-ballun. [P,K,M,D,Ġ]

**logħob maqsum**
Logħob bilanċjat bejn iż-żewġ timijiet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħob movimentat**
Logħob ħaj, milgħub b'ritmu mgħaġġel u bil-ballun tiela' u nieżel. [P,M,Ġ]

**logħob perikoluż**
Logħob goff li jista' jweġġa' lill-avversarju, ngħidu aħna, meta plejer jgħolli siequ 'l fuq u daqskemm jieħu l-ballun jista' jieħu ras il-plejer. [R,P,K,M,D,Ġ]

**logħob wieqaf**
1. Meta ma jkunx hemm wisq moviment minn naħa waħda jew miż-żewġ naħat. [P,K,M,D,Ġ]
2. Meta r-referì jkun saffar biex tieqaf xi azzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-lotterija tal-*penalties***
Espressjoni li tingħad biex tfakkar li meta partita tispiċċa bl-għoti tal-*penalties*, ir-rebħa mhux bilfors jiksibha l-aħjar tim. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ma kienx f'sikktu**
Meta plejer ma jkunx jiflaħ jew ikun imweġġa', jew toħroġlu logħba li fiha jilgħab ħażin. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ma qagħadx lura**
Meta plejer jew tim ma jiddejqux ikunu avventurużi, jiġifieri jattakkaw lil avversarji li forsi fuq il-karta jkunu aħjar minnhom. [R,P,M,D,Ġ]

**ma seraq xejn**
Tingħad għal tim li jkun jimmeritah li jirbaħ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ma setax isib saqajh**
Meta plejer waqt il-partita jibda jħawwad u ma jkunx jaf x'qed jagħmel. [R,P,M,Ġ]

**ma tahx nifs**
Tingħad għal plejer jew tim li dejjem jattakkaw u ma jagħtux ċans lill-avversarju jagħmel xi ħaġa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ma tgħaddix mingħajru [dak il-plejer]**
Tingħad b'eloġju lill-plejer li t-tim ikun jiddependi ħafna mill-ħidma tiegħu. [R,P,K,M,Ġ]

**ma waqaf qatt**
Plejer jew tim ħabrieka li ma jagħtux nifs lill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ma xammux**
Meta jixxuttjaw lill-gowler u lanqas biss jiċċaqlaq biex jilqgħu għax, ngħidu aħna, ix-xutt ikun b'saħħtu ħafna jew ikun hemm ħafna plejers quddiemu u jgħattuh. [R,P,K,M,D,Ġ]

**magna**
Plejer li jiġri ħafna waqt il-logħba u ma jiqafx. Ara wkoll **mutur.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**ma' dahru**
Immarkar strett tal-avversarju biex ma jagħtihx spazju. Dan jiġri spiss, ngħidu aħna, f'korner meta jkunu qaqoċċa. [R,P,K,M,Ġ]

**maħdum**
1. Aġġettiv li jingħad għal plejer li jkun mixtri (korrott). [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **ħadem il-ballun (1).** [R,P,K,M,D,Ġ]

**"Malta magħżula"**
L-isem li bih nistgħu nirreferu għat-tim nazzjonali Malti. [R,P,K,M,Ġ]

**mar minn fuq**
Meta tim ikun dro, jiskorja u b'hekk jiġi fuq l-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mar minn taħt**
Meta tim ikun dro, jaqla' gowl u b'hekk jiġi taħt l-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**marsus** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ssikkat.**

**massakru**
1. Meta tim ikun qed jassedja lill-avversarju u ma jagħtihx nifs. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta tim ikun superjuri l-logħba kollha u jiskorja ħafna. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mattar siequ**
Meta plejer itawwal riġlu biex jipprova jilħaq ballun li ma jasallux eżatt f'saqajh. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mela nofs il-grawnd / mela n-nofs**
Meta plejer, biex ma jiżbilanċjax it-tim, joqgħod f'nofs il-grawnd waqt li sħabu jkunu qed jattakkaw, biex f'każ ta' kontrattakk jilqa' l-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mewwet il-ballun**
Meta l-plejer iwaqqaf il-ballun kompletament, normalment biex ikun jista' jixxuttja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mexxa d-difiża** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **mexxa wara**

**mexxa l-attakk** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **mexxa quddiem.**

**mexxa l-ballun**
Meta plejer ma jżommx il-ballun f'saqajh iżda jilagħbu lil sħabu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mexxa n-nofs**
Meta plejer, aktarx il-*playmaker,* jieħu f'idejh it-treġija ta' nofs il-grawnd. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mexxa nofs il-grawnd** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **mexxa n-nofs.**

**mexxa quddiem**
Meta plejer jieħu f'idejh it-treġija tal-attakk. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mexxa wara**
Meta plejer, aktarx l-aħħar raġel jew l-aħjar plejer ċentrali, jieħu f'idejh it-treġija tad-difiża. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mgħajjat**
Tingħad għal plejer li l-kowċ jagħżlu mal-ewwel tmintax. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mgħasses** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ssikkat.**

**mhux plejer / tim ta' min jarmih**
Frażi pożittiva dwar plejer jew tim li huma ta' kwalità (imqar jekk fil-mument ma jkunux fl-aqwa forma). [K,M,D] / [P,M,D,Ġ]

**miegħu!** [R,P,K,M,D]
Ara **ma' dahru.**

**min jgħajjatha**
Il-plejer li jilgħab fil-pożizzjoni tal-aħħar raġel. Huwa jagħti l-ordni lil sħabu biex joħorġu 'l barra mill-kaxxa l-kbira malli jbiegħdu l-periklu. [P,K,M]

**minjiera ta' esperjenza**
1. Plejer li jkun lagħab ħafna logħbiet. [K,M,Ġ]
2. Kowċ li jkun ilu fix-xena. [K,M,Ġ]

**minn azzjoni wieqfa**
Il-ballun jerġa' fil-logħob attiv wara waqfien fil-logħob minħabba korner, fawl, eċċ. u dan isir b'xutt jew tqassima ta' ballun wieqaf. L-azzjoni wieqfa hi assoċjata mal-fażi tal-attakk. [P,K,M,D,Ġ]

**minn ballun wieqaf** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **minn azzjoni wieqfa.**

**miraklu!**
Tingħad bi stagħġiba għal laqgħa sabiħa tal-gowler. [R,P,K,M,D,Ġ]

**misshulu**
Meta plejer kemm kemm jolqot il-ballun għal sieħbu li mbagħad jixxuttja jew jitla' bih. [R,P,M,D,Ġ]

**missier il-futbol**
Plejer li jkun għamel isem dinji fil-logħba tal-futbol, bħal Pelé u Maradona. [P,K,M,Ġ]

**missila**
Xutt qawwi ħafna u dirett. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-mistrieħ**
Il-waqfa ta' ħmistax-il minuta wara li jintemmu l-ewwel 45 minuta tal-logħba. Ikun hemm il-mistrieħ ukoll f'logħba li tkun għaddiet għall-ħin barrani wara li jkunu ntlagħbu 15-il minuta. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mixtla** [PROPOSTA]
Skola tal-futbol għal tfal u żgħażagħ, immexxija minn klabb. Kelma ssuġġerita flok *nursery*. (Plural **mixtliet.**)

Eż. *Attard beda l-futbol ta' għaxar snin mal-**mixtla** ta' Santa Venera.*

*Il-**mixtliet** huma l-investiment ewlieni tal-klabbs għall-futur.*

**[i]mlewhom bil-gowls**
Meta tim jiskorja ħafna gowls lill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]mmarka l-ballun**
Meta l-gowler jinduna fejn ikun sejjer il-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]mmarka r-raġel**
Meta plejer li qed jiddefendi joqgħod viċin ħafna ta' avversarju u jibqa' l-ħin kollu miegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[il-]movjola**
Apparat li permezz tiegħu l-filmat ta' azzjoni jista' jintwera bil-mod ħafna u jikxef ċar x'ġara sewwa waqt l-azzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**mutur**
Dak il-plejer li waqt il-partita jaħdem, jistinka u ma jieqaf qatt. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]mwiddeb** [R,P,K,M,D,Ġ]
Meta plejer tintwerielu l-karta s-safra. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]mwissi**
Meta plejer jersaq fuqu r-referì biex ikellmu wara li jikser xi regola. F'dan il-każ, il-plejer ma jirċievi l-ebda karta. **Wissa** hi inqas ħarxa minn **widdeb.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]mxielu**
Meta plejer li ma jkollux il-ballun jagħmel moviment fl-ispazju biex jirċievi l-ballun mingħand sieħbu. Aktar tintuża bħala kmand mill-plejer tal-istess tim. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]mxietlu l-lasta!**
Botta ta' nkejja li jgħaddi xi ħadd wara li plejer ikun falla ċans tajjeb ta' gowl għax ikun tefa' l-ballun barra. [R,P,K,M,D]

**naqqas id-distakk**
Meta tim ikun qed jitlef b'aktar minn gowl wieħed u jirnexxilu jiskorja wieħed. [R,P,K,M,D,Ġ]

**naqqas mil-logħob**
Meta plejer jew tim ma jibqgħux jilagħbu tajjeb daqs kemm kienu. [R,P,K,M,D,Ġ]

[in-]**nasba tal-*offside***
Tattika difensiva li għandha l-għan li tonsob lit-tim li jkun qed jattakka u twaqqgħu f'pożizzjoni irregolari. [R,P,K,M,D,Ġ]

**nasbu** [P,K,M,Ġ]
Ara **waqqgħu *offside*.**

**newwel il-ballun**
Meta plejer jgħaddi l-ballun lil sieħbu li jkun viċin tiegħu. [P,K,M,Ġ]

[i]**nfetaħ**

1. Meta plejer jilgħab tajjeb ħafna, jagħmel ħafna ħsara lill-avversarju u normalment jiskorja. Tisma' lil min jgħid **miftuħ [il-plejer] illum**.
2. Meta l-plejer jiskorja l-ewwel darba wara għadd ta' partiti. Jiżblokka. [R,P,K,M,D]
3. Meta plejer jispikka mat-tim il-ġdid, mhux bħalma ġralu mat-tim ta' qabel. [R,P,K,M,D]
4. Meta l-iskor ma jibqax 0-0. [R,P,K,M,D]
5. Meta plejer tat-tim li qed jiddefendi jitbiegħed minn sħabu fil-barriera u b'hekk jinħoloq fiha spazju vojt minn fejn ikun jista' jgħaddi l-ballun. Tisma' lil min jgħid **[il-plejer] infetaħ** jew **infetħet il-barriera.** [P,K,M,Ġ]
6. Meta tim ma jibqax magħluq fuq wara u jkun aktar avventuruż biex ifittex il-gowl. [P,K,M,Ġ]

[i]**nġibed** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **żamm il-plejer (1).**

**[i]ngħalaq**
1. Meta plejer li jkun fil-barriera ma jinfetaħx iżda joqgħod iħakkek ma' sieħbu ħalli l-ballun ma jgħaddix minn ġol-ħajt ta' lqugħ li jkunu bnew il-plejers. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer ma jkollux fejn imur jew fejn iqassam minħabba li jiġbed wisq lejn il-ġenb u d-difensuri jagħlqulu l-ispazji kollha. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]nħasdu** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ħa dehxa.**

**nifed id-difiża**
Meta plejer jirnexxilu jsib l-ispazju bejn id-difensuri bit-tqassima li jagħti. Tintuża flok *through pass* jew *through ball*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**nixfa ta' gowls**
1. Meta logħba tispiċċa mingħajr gowls. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer ikun ilu ħafna ma jiskorja. [R,P,M,D,Ġ]
3. Meta fi programm sħiħ ta' logħob, il-gowls skorjati jkunu tassew ftit. [R,P,K,M,D,Ġ]

**nixxifhom minn ġewwa** [M]
Ara **saħħar bl-eleganza tiegħu.**

**niżel fil-grawnd**
Il-plejer li jmur biex jilgħab u normalment ikun ħa jibda mal-ewwel ħdax. [R,P,K,M,D,Ġ]

**niżel jgħin**
Meta attakkant jinżel jagħti daqqa t'id f'nofs il-grawnd jew fid-difiża. L-istess jingħad għal min jilgħab f'nofs il-grawnd u jinżel jiddefendi. Fil-grawnd tisma' ħafna l-għajta mqassra: **Inżel!** [R,P,K,M,D,Ġ]

**niżel lura**
Meta plejer jinżel jgħin lil sħabu biex jiddefendi. Fil-grawnd tisma' ħafna l-għajta mqassra: **Lura!** [R,P,K,M,D,Ġ]

**niżillu**
Meta plejer jinżel jieħu post sieħbu li jkun inqabad f'pożizzjoni aktar avvanzata. [P,K,M,D,Ġ]

**niżżel il-ballun**

1. Meta plejer jirċievi ballun mill-għoli u jikkontrollah b'sidru. Min qatt ma sema' din l-espressjoni, aktarx juża *ċċestja*. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer iwaqqa' l-ballun lura biex sieħbu jixxuttja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**niżżel ismu**

Tingħad għal dak il-plejer li jiskorja, għax ismu normalment jinkiteb taħt ir-riżultat. [R,P,K,M,D,Ġ]

**niżżel [plejer]**

Waqqa' plejer. [R,P,K,M,D,Ġ]

**niżżlu fil-ktieb** [R,P,K,M,Ġ]

Ara **ħadlu ismu.**

**[i]nqabad barra [minn postu]**

Meta gowler ma jkunx ippożizzjonat fuq il-linja tiegħu u joffri ċans lill-avversarju biex il-ballun iqabbiżhulu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]nqabdu [fuq sieq waħda]**

Meta t-tim li qed jiddefendi ma jkunx għadu ppożizzjonat tajjeb, ngħidu aħna, f'każ ta' kontrattakk. Għal dak it-tim li jkun qed jattakka, ngħidu **qabduhom.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]nqala'**

1. Meta plejer ma jibqax jistenna l-ballun iżda joħroġ għalih. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jinħareġ mil-logħba biex jidħol ħaddieħor floku. [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Ara **tilef postu.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]nqaleb ir-riżultat**

Meta riżultat li kien favur tim jinbidel u jiġi favur it-tim avversarju. [R,K,M,D,Ġ]

**[i]nqata' mill-art**

1. Ara **qatgħu (2).** [R,P,K,M,Ġ]
2. Meta l-gowler jogħla jew itir biex jilqa' l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**intbagħat gallarija**
Meta plejer ma jkunx magħżul mat-tmintax u jispiċċa jara l-logħba qalb in-nies. [P,K,M,D,Ġ]

**intefa' għall-ballun**
Meta gowler ikollu jinxteħet minn tulu biex jilqa' l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**intefaħ** [R,K,M,D]
Ara **telgħetlu għal rasu.**

**intelaq**
Meta plejer jaqa', mhux għax jagħtuh xi daqqa jew gambetta, imma biex jipprova jinganna lir-referì u jirbaħ fawl. Min qatt ma sema' din il-kelma aktarx juża *ddajvja* jew *issimula*. [R,P,K,M,D,Ġ}

**nuqqas ta' attenzjoni fid-difiża** [R,K,M,D,Ġ]
Ara **raqda fid-difiża.**

**inxteħet għal tulu / inxteħet minn tulu** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ntefa' għall-ballun.**

**offra rigal**
Meta plejer jagħmel żball u jagħti ċans ħafif lill-avversarju jiskorja. Ġieli tingħad ukoll għal min jagħmel awtogowl. [R,P,K,M,Ġ]

**okkażjoni mitlufa** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ċans mitluf.**

**opera**
Meta plejer jipprova jgħaddi jew jibni azzjoni minn mal-linja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**opportunist**
Plejer li jkollu x-xamma tal-gowl. Ġieli jkun iffortunat għax jiġuh blalen faċli biex jiskorja. [R,K,M,D,Ġ]

**opportunità tad-deheb**
Meta plejer jew tim ikollhom ċans kbir li jiksbu xi ħaġa importanti, ngħidu aħna, li jiskorjaw, li jispiċċaw l-ewwel fil-klassifika, eċċ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**organizza l-logħob**
Tingħad meta plejer jikkalma l-logħob biex jagħti ċans lil sħabu jsibu posthom mill-ġdid. [P,K,M,D,Ġ]

**padrun tal-kaxxa tiegħu**
Meta l-gowler ikollu kontroll sħiħ tal-ispazju tal-kaxxa l-kbira. [P,K,M,Ġ]

**paprata**
Meta plejer jew gowler jagħmlu żball kbir, normalment tad-daħq. [R,P,K,M,D,Ġ]

**partita b'żewġ uċuħ**
Logħba li min fil-bidu beda jiddominaha, spiċċa jaqla' ġo fih. [R,P,K,M,D,Ġ]

**partita bla storja**
Logħba li, għax tkun ġa determinata, ma jkunx hemm interess fiha. Logħba tista' tkun hekk meta f'kampjonat, wieħed mit-timijiet ikun ġa jaf li rebaħ it-tazza, jew f'logħba partikolari r-riżultat ikun jiffavorixxi sew lit-tim u ma jkunx hemm aktar interess fiha. [R,P,K,M,D,Ġ]

**partita magħluqa**
Meta tim ikollu vantaġġ komdu u l-ħin ma jkunx jippermetti lill-avversarju jieħu xi punti mil-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**partita miftuħa**
1. Partita li tkun għadha bbilanċjata u għadha tista' tintrebaħ minn kull wieħed mit-timijiet. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta żewġ timijiet ikunu tal-istess livell u l-iskor ikun diffiċli biex tbassru. Tingħad ukoll qabel ma tibda l-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Meta ż-żewġ timijiet iħallu ħafna spazji lil xulxin għax joħorġu t-tnejn li huma biex isibu l-gowl. Il-ballun f'din il-fażi tal-logħba jibda tiela' u nieżel u t-timijiet ikunu twal. [R,P,K,M,Ġ]

**[il-]partita qamet**
Meta wara bidu kwiet, iż-żewġ timijiet joffru spettaklu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**passiġġata**
1. Meta t-tim jirbaħ bla ma jitħabat għax l-avversarju jkun dgħajjef. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta t-tim ma jiċċaqlaqx kemm hemm bżonn u jkun donnu bla ħeġġa. [P,K,M,D,Ġ]

**patta qares**
Meta tim ma jiħux iċ-ċansijiet tiegħu u wara jiġi kkastigat billi, ngħidu aħna, jiskorja ta' kontrih jew jitkeċċielu plejer. [R,P,K,M,D,Ġ]

**pedina importanti**
Plejer li hu importanti ħafna għat-tim. [R,P,K,M,D,Ġ]

**perla** [M,Ġ]
Ara **ġawhra (1).**

**il-pern tat-tim**
Plejer fundamentali fit-tim, ngħidu aħna, għax ħafna mill-azzjonijiet jibdew minnu jew jistrieħu fuqu. [R,M,Ġ]

**pilastru**
1. Plejer sod u tajjeb (aktarx f'nofs il-grawnd jew fid-difiża) li ma jaqbżuhx malajr. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Plejer twil. [R,P,K,M,D,Ġ]

**pinġihulu** [R,K,M,Ġ]
Ara **ballun pinġut.**

**pipa** [PROPOSTA]
1. Meta plejer jidħaq bil-gowler waqt *penalty* billi jolqot il-ballun minn taħt biex jaqtgħu mill-art u jitfgħu bla saħħa fin-nofs tax-xibka – aktarx li sa dak il-ħin il-gowler ikun diġà ntefagħlu. Kelma ssuġġerita flok *cucchiaio*. Nissuġġerixxu li l-espressjoni magħżula tkun **għamel pipa**, bħal *għamel rabuxxata, ta gambetta.* (Plural **pipi.**)
   Eż. *Fejn qatt bsarna li plejer ta' 19-il sena kien se jagħmel **pipa** fis-semifinali tat-Tazza tad-Dinja?*
2. Meta plejer ikollu l-ballun f'saqajh (il-ballun ma jridx ikun qed jaqbeż) u jqabbżu lill-gowler billi jolqot il-ballun minn taħt biex jaqtgħu mill-art.
   Eż. *Il-**pipi** perfetti ta' Totti huma l-isbaħ reklam għall-futbol Taljan.*

**pjan mgħarraq**
Meta dak li jkollu f'moħħu l-kowċ ma jaħdimx minħabba fatturi li ma jkollux kontroll fuqhom, ngħidu aħna, it-tim isofri gowl kmieni jew jitkeċċa xi plejer. [R,P,K,M,Ġ]

**il-plejer fuq il-ballun**
1. Il-plejer li jkollu l-ballun f'saqajh waqt il-logħob. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Il-plejer li jkun ħa jibda l-logħob minn azzjoni wieqfa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer ħafif**
1. Plejer li jiġri ħafna. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Plejer li jkun kapaċi jdur mal-avversarji bla tbatija. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer iżolat**
Tingħad għal plejer li jitħalla waħdu u ma jingħatax għajnuna minn sħabu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer kbir**
Plejer tajjeb ħafna. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer kreattiv**
Plejer ta' fantasija, li kapaċi jagħti tqassimiet tajba u joħloq azzjonijiet interessanti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer kwiet**
1. Plejer li ma jħobbx jaqla' argumenti fil-grawnd. [P,M,D,Ġ]
2. Tingħad għal plejer li ma daħalx fil-partita, jiġifieri sehmu kien żgħir. [P,M,D,Ġ]

**plejer li jagħmel il-ħsara**
Plejer li jħabbat sew lill-avversarji u jkollhom joqogħdu attenti għalih għax perikoluż. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer newtrali**
Plejer li, waqt it-taħriġ f'logħba kkundizzjonata, ma jilgħabx ma' tim fiss iżda jilgħab ma' min dak il-waqt jinzerta jkollu l-pussess tal-ballun. [P,K,M,D,Ġ]

**plejer statiku**
Plejer li ma jiċċaqlaqx u li ma tantx jagħmel moviment. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer ta' ħżunija** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **għandu l-ħażen tal-logħba.**

**plejer ta' klassi** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **stilla.**

**plejer tal-isem**
Plejer magħruf. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-plejer tal-logħba**
Il-plejer li jkun ġie vvutat bħala l-aħjar wieħed wara t-tmiem ta' kull logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**plejer tqil**
Meta plejer ma jkunx ħafif biżżejjed biex idur jew ilaħħaq mal-pass tal-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ponta**
1. Meta plejer jolqot il-ballun fin-nofs bil-ponta taż-żarbun. Tingħad ukoll **ponta għad-dritt.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Il-plejer li jilgħab fuq quddiem. [R,P,K,M,D,Ġ]

**pożizzjoni irregolari**
Espressjoni oħra għall-pożizzjoni ta' *offside*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**pożizzjoni regolari**
Meta l-attakkant ma jkunx f'pożizzjoni ta' *offside*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ippanċja l-ballun**
Meta l-gowler jagħti daqqa ta' ponn lill-ballun li jkun fl-arja, biex ibiegħed il-periklu. Normalment jagħmel hekk fuq xi kross qawwi għax ma jħossux żgur li se jirnexxilu jaħtfu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ipplejsja l-ballun**
Meta plejer ma jixxuttjax addoċċ u fil-għama, imma jkun preċiż u ma jużax saħħa esaġerata. Aktarx jimmira għall-angolu tal-lasta. [R,P,K,M,D]

**ippressa**
Meta plejer joqgħod kemm jista' jkun viċin tal-avversarju biex joħnoqlu kull inizjattiva. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ippressa għoli / *pressing* għoli** [P,K,M] / [P,K,M,D,Ġ]
Meta kull darba li plejer avversarju jaqbad il-ballun, il-plejers li ma jkollhomx il-ballun jippressaw, anki jekk il-ballun ikun għand id-difensuri. Biex dan it-tip ta' *pressing* iseħħ, it-tim li qed jiddefendi jrid joħroġ sa nofs il-grawnd jew ftit inqas biex it-tim tagħhom ma jkunx twil.

**ipproteġa l-ballun** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **ddefenda l-ballun (1).**

**ipprovah**
Meta plejer jagħmel xi ħaġa b'intenzjoni, ngħidu aħna, jipprova jiskorja jew jixxuttja ġol-lasta. Ara wkoll **fittex il-gowl.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**premju partita**
Meta l-kumitat tat-tim iwiegħed ħlas barrani lit-tim biex jistimulah u jirbaħ logħba diffiċli. [P,K,M,Ġ]

**promozzjoni**
Meta tim jirnexxilu jiġi minn ta' quddiem u jitla' f'diviżjoni ogħla. [R,P,K,M,D,Ġ]

**il-punti kollha**
Il-massimu tal-punti li tim jista' jieħu minn partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**pussess [tal-ballun]**
Meta l-ballun jinżamm f'saqajn il-plejer, jew inkella b'mod kollettiv f'saqajn il-plejers ta' tim wieħed. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qabad il-ballun**
1. Ara **ħataf il-ballun (1).** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jieħu l-ballun f'saqajh. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qabad l-arja**
Meta l-gowler joħroġ fil-vojt fil-kaxxa u ma jaqbadx il-ballun. [R,P,K,M,Ġ]

**qabbeż il-ballun**
Meta plejer jgħolli l-ballun minn fuq ras plejer ieħor jew minn fuq ras il-gowler biex jiskorja. Min qatt ma sema' din il-kelma, aktarx juża *llobbjahulu* jew *iċċippjahulu*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qabeż**

1. Ara **għadda plejer.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jew tim jaqbżu parti mill-grawnd, ngħidu aħna, nofs il-grawnd. [R,P,K,M,Ġ]

**qaċċtu**

Meta plejer jagħmel daħla, jolqot lill-avversarju u jtajru. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qagħad**

Tingħad għal plejer li beda jidra u jissetilja fil-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qajjem il-logħba**

1. Ara **ġab il-ħajja fil-logħba.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jiskorja u jagħmel il-logħba isbaħ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qala' fwiedu**

Meta plejer jew tim ibatu u jistinkaw ħafna fil-logħba. [P,K,M,D]

**qala' ġo fih**

1. Tingħad għal tim li jkun qed isofri l-attakki kontinwi mit-tim oppost. [R,P,K,M,D]
2. Gowler li jixxuttjawlu wieħed wara l-ieħor. [R,P,K,M,D]

**qala' gowl**

Meta tim isofri gowl. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qala' l-ballun [minn fuq il-linja]**

Meta plejer li qed jiddefendi jtajjar il-ballun biex jevita gowl ċert. Meta plejer juri ħiltu biex jevita l-gowl, ifaħħruh bil-frażi **x'ballun qala'.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**qala' 'l fuq** [R,P,K,M,D,Ġ]

Ara **tefa' l-ballun 'il fuq.**

**qala' l-lasti** [P,K,M,D,Ġ]

Ara **għoddu qala' l-lasta minn postha.**

**qala' minn fuq il-linja**

Meta plejer jevita gowl eżatt minn fuq il-linja. [R,P,K,M,D]

**qala’ plejer**
Meta l-kowċ joħroġ wieħed mill-plejers tiegħu u jdaħħal lil ħaddieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qala’ xutt**
Meta plejer jixxuttja, normalment b’saħħtu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qaleb [il-ballun]**
1. Meta plejer jitma’ l-ballun minn mal-linja għal ġol-kaxxa tal-avversarji. [R,P,K,M,Ġ]
2. Ara **dawwar il-ballun (1)** u **(2).** [R,P,K,M,Ġ]

**qaleb il-logħob** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **dawwar il-ballun (1).**

**qaleb in-naħa** [R,K,M,D,Ġ]
1. Ara **dawwar il-ballun (1).**
2. Meta plejer imur jilgħab fuq il-linja l-oħra.

**qalgħu minn fuq il-ballun**
Meta difensur juża s-saħħa fuq l-avversarju, forsi b’mod irregolari, u jieħu vantaġġ fuqu qabel jieħu l-ballun. [R,P,K,M,Ġ]

**qam għall-okkażjoni**
Tim li jagħti kollox fil-mument tal-prova, bħal meta jmissu jilgħab f’kompetizzjoni importanti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qandel il-ballun**
Meta plejer jitma’ ballun fil-għoli lil sħabu. [P,K,M,D,Ġ]

**qaqoċċa**
Meta ħafna plejers ikunu qegħdin fl-istess zona tal-grawnd. Geġwiġija sħiħa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qarraq bih**
1. Meta ballun ibiddel id-direzzjoni minħabba l-falz tiegħu jew minħabba xi devjazzjoni, u jinganna lill-gowler. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jagħmel xi finta u jinganna lil ta’ kontrih. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qasam id-difiża**

1. Tqassima orizzontali bejn żewġ difensuri. Tkun tqassima riskjuża jekk bejniethom jidħol attakkant lest biex jisraqhulhom. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **nifed id-difiża.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**qasam il-logħob**
Meta tim ikun qed jilgħab daqs l-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qasmu**
Meta plejer jiskorja billi jixxuttja bis-saħħa u l-gowler ma jxommux. [P,K,M,D,Ġ]

**qasmu l-punti**
Meta ż-żewġ timijiet jiġu dro u kull tim jieħu punt kull wieħed. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qasmuhom**
Meta tim jirbaħ lill-avversarji waħda u sew. [P,K,M]

**qassam il-ballun** [R,K,M,D,Ġ]
Ara **għadda l-ballun.**

**qata' biljett għar-rawnd li jmiss**
Ikkwalifika, għadda għar-rawnd ta' wara. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qata' d-difiża**
Meta tqassima ta' xi plejer tgħaddi minn bejn żewġ plejers avversarji jew aktar, jew minn warajhom, tant li ma jkollhomx ċans jilħquha, u ġġib lill-attakkant b'ċans tajjeb ta' gowl. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qata' l-ballun mill-art**
Meta l-plejer ma jagħtix tqassima jew ballun fil-baxx iżda jgħollih billi jaħsdu u jolqtu minn taħt. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qata' 'l ġewwa**
Meta plejer ikun qiegħed f'pożizzjoni mġennba fl-attakk u jidħol għan-nofs. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qatel il-logħba** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **għalaq il-partita.**

**qatgħalhom nifishom**
Meta tim li jagħmel ħiltu, jiġri, jistinka u jgħajji lit-tim l-ieħor. [R,K,M,D,Ġ]

**qatgħu**
1. Meta plejer jaħrat lill-avversarju fil-ġiri. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jiffawlja lill-avversarju billi jaqtgħu mill-art bid-daħla goffa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qed iberraq**
Meta tim il-ħin kollu ġej u jkun wasal il-ħin tal-gowl. Din l-espressjoni jgħidha min ikun qed iżomm ma' min qed jiddefendi. [R,P,K,M,D,Ġ]

**qed iriegħed** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **qed iberraq.**

**qishom qed jilagħbu t-*tennis*** [P,K,M]
Meta ż-żewġ timijiet jibdew itajru l-ballun malli jasal għandhom.

**qisu bieb tal-ħadid**
Tingħad għal gowler li jkun sod bejn il-lasti. [K,M,Ġ]

**qisu dundjan għall-qatla**
1. Tingħad għal tim li qabel il-partita jkun rassenjat li ħa jitlef għax ħa jilgħab kontra tim ħafna aktar b'saħħtu. [R,P,K,M]
2. Meta l-plejer ikollu geddum sal-art wara li t-tim tiegħu jitlef. [R,K,M]

**qisu riħ** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **plejer ħafif (1).**

**qisu sajjetta** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **plejer ħafif (1).**

**qisu sejjer għall-qatla** [P,K,M,D]
Ara **qisu dundjan għall-qatla (1).**

**qisu żiemel sfrattat**
Xi ħadd li jiġri ħafna aktar mill-ballun. [R,P,K,M,D]

**ra l-gamiem** [R,P,K,M]
Ara **ra l-istilel.**

**ra l-istilel**
Meta plejer jixxuttja għoli ħafna. [P,K,M,D]

**ra lil kulħadd dubbien**
Plejer jew tim li jaħsbu li ħadd ma jista' għalihom. [R,P,K,M,D]

**rabuxxata**
Meta plejer jinqata' għal dahru fl-ajru u jixxuttja l-ballun b'dahru lejn il-lasta. Tingħad ukoll *rovesciata*. [R,P,M,D,Ġ]

**raqad bil-ballun f'saqajh**
Meta plejer li jkollu l-ballun f'saqajh idum jaħsibha biex jagħmel xi ħaġa bih (u ġieli joħodhulu l-plejer avversarju). [K,M,D]

**raqda fid-difiża**
Meta d-difiża tieħu żball kbir u tħalli l-avversarju jaqbiżha. [R,P,K,M,Ġ]

**rasu baxxuta**
Meta t-tim jitlef u kulħadd ikun qed iħares 'l isfel b'diżappunt. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rasu mgħollija**
Meta tim ikun sodisfatt bil-wirja tiegħu, imqar jekk joħroġ tellief. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ⁱrċieva [l-ballun]**
Meta plejer tasallu tqassima mingħand sieħbu. [R,P,K,M,Ġ]

**reazzjoni**
Meta t-tim li jkun qed jitlef, iqum fuq tiegħu biex jipprova jiskorja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rebaħ b'ċikka**
Meta tim jirbaħ partita kontra x-xejra tal-logħob jew inkella jiskorja fl-aħħar sekondi. [R,P,K,M,D]

**rebaħ fawl**
Meta plejer ifittex li jieħu fawl u jieħdu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rebaħ għal fraka / farka** [R,M]
Ara **rebaħ b'ċikka.**

**rebaħ il-ballun**

1. Meta plejer li ma jkollux il-ballun jirnexxilu jieħdu. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer li jkun għadu kif tilef il-ballun jerġa' jieħdu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rebaħ nofs il-grawnd / rebaħ in-nofs**
Meta tim ikun superjuri f'nofs il-grawnd u jsibha faċli biex jibda l-azzjonijiet tiegħu għax ta' kontrih iħalli ħafna spazju f'dik il-pożizzjoni jew ma jkunx tajjeb daqsu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rebaħ postu**
Meta plejer li s-soltu ma jilgħabx jew ma jibdiex il-partita, jirnexxilu jikseb post mill-bidu mal-ewwel ħdax. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rebħu l-inizjattiva** [P,K,D,Ġ]
Ara **ħadu l-inizjattiva.**

**reġa' beda mill-ġdid**
Meta plejer jew tim ikollhom il-pussess tal-ballun iżda, għax ma jsibux spazju, iwaqqgħu lura biex jerġgħu jibdew azzjoni oħra. [P,K,M,Ġ]

**reġagħlu**
Meta plejer jirritorna l-ballun lil sieħbu li jkun irċieva l-ballun mingħandu. [R,P,K,M,Ġ]

**relegazzjoni** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **waqa'.**

**rema l-ballun**

1. Meta plejer itajjar il-ballun 'il fuq għax ikun taħt pressjoni kbira. [R,P,K,M,Ġ]
2. Meta plejer jaħli okkażjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rema l-ballun barra**
Meta plejer itajjar il-ballun 'l hinn mil-linja jew għax ikun taħt pressjoni mill-avversarju jew biex jagħti ċans lit-tobba jidħlu jdewwu lil sieħbu li jkun għadu kemm weġġa'. [R,P,K,M,Ġ]

**rema l-logħba** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **rema vantaġġ.**

**rema vantaġġ**
Meta tim ikollu vantaġġ ta' gowl jew gowls, iżda bi traskuraġni jew nuqqas ta' attenzjoni jitilfu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**rema x-xugaman** [R,P,K,M,Ġ]
Ara **ċeda l-armi.**

**ried [jilgħab] illum!**
Plejer li juri li f'dik il-partita jkun ħa jilgħab tajjeb. [K,M,D,Ġ]

**riegħed il-lasta** [P,M,D,Ġ]
Ara **stampa l-lasta.**

**riegħed ix-xibka**
Meta plejer jixxuttja u jiskorja b'saħħa kbira. [R,P,K,D,Ġ]

[ir-] **rivali**
1. Timijiet li ma jniżżlux lil xulxin, jew għax ikunu mill-istess belt (bħall-Manchester United u l-Manchester City), jew għax ikunu timijiet ta' bliet ġirien (bħall-Belt u l-Furjana), jew timijiet bi storja twila ta' suċċessi (bħall-Barċellona u r-Real Madrid). Fil-fatt meta jilagħbu kontra xulxin insejħulu ***derby*.** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Il-kompetizzjoni li jkun hemm bejn il-plejers li jilagħbu fl-istess pożizzjoni fl-istess tim. [P,K,M,D,Ġ]

**riżultat deċiż fuq il-mejda**
Meta r-riżultat tal-grawnd jitħassar mill-bord tad-dixxiplina minħabba xi ksur tar-regoli. Il-bord għandu s-setgħa jiddeċiedi riżultat ġdid. [R,P,K,M,D,Ġ]

**riżultat magħluq** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **għalaq il-partita.**

**riżultat mhux mistenni**
Skor li ħadd ma jkun jobsru. [R,P,K,M,D,Ġ]

**riżultat negattiv / ħażin**
Meta t-tim jitlef. [R,P,K,M,D,Ġ]

**riżultat pożittiv / tajjeb**
Meta t-tim jieħu xi punti mil-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**riżultat sorprendenti** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **riżultat mhux mistenni.**

**[i]rkupra l-ballun**
Meta plejer li jkun tilef il-ballun jitħabat għalih u jerġa' jirbħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]rkupra l-pożizzjoni**
Meta plejer li ma baqax fil-pożizzjoni tiegħu, normalment biex jattakka, jerġa' jmur f'postu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]rmieh**
Meta plejer diġà spalltu f'kuntrast mal-avversarju biex joħodlu l-ballun bla ma jikser ir-regoli. [R,P,K,D]

**[i]rraxxja**
Mod ħażin kif plejer jipprova jieħu l-ballun lill-avversarju billi jibqa' għaddej bil-ġirja mingħajr ma jnaqqas il-pass. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]rrisponda** [P,K,M,D]
Ara **wieġeb.**

**ruxxmata ċansijiet** [R,K,M,D,Ġ]
Ara **xalata ta' ċansijiet.**

**ruxxmata gowls** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **xalata ta' gowls.**

**sab il-ftuħ**
Meta plejer ikollu daqsxejn spazju fejn jista' jimmanuvra jew meta plejer ifittex u jmur fejn ma jkunx hemm plejers, l-aktar mal-linja. [R,P,K,M,D]

**sab il-gowl**
1. Tingħad għal tim li jirnexxilu jiskorja wara li jkun ilu jipprova. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Tingħad għal tim li jiskorja bil-fortuna. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sab il-plejer**
Meta plejer ifittex li jqassam lil sieħbu fost id-difensuri ta' kontrih. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sab il-vojt** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **sab l-ispazju.**

**sab ix-xibka**
Meta plejer jiskorja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sab l-ispazju**
Meta plejer jirċievi l-ballun wara li jkun għamel moviment biex ma jibqax mad-difensur. Plejer jista' jsib l-ispazju wkoll meta jaqbeż plejer u ma jkollux difensuri quddiemu. Jista' jsib l-ispazju wkoll anki jekk jara daqsxejn vojt quddiemu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sab ruħu ġox-xibka**
Tingħad għal plejer li jkun fuq ġirja u jispiċċa jibqa' dieħel ġox-xibka. Ġieli jidħol ġox-xibka wara li jsalva ballun minn fuq il-linja. [R,K,M,Ġ]

**sab ruħu waħdu**
1. Meta plejer jiġi wiċċ imb wiċċ mal-gowler b'ċans tajjeb li jiskorja. [R,P,K,M,Ġ]
2. Meta plejer ma jkollux alternattiva oħra x'jagħmel. [R,P,K,M,Ġ]

**saffarha!**
Għajta ta' protesta mill-pubbliku kontra r-referì għax ma jkunx qed isaffar fawls favurihom. [R,P,K,M,D,Ġ]

**saħħar bl-eleganza tiegħu**
Tingħad għal plejer li jagħti spettaklu lil min qed jarah bit-talent li jkollu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sallab**
Meta plejer iġib lill-avversarju f'diffikultà kbira. [R,P,K,M,D]

**salva l-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **laqa' l-ballun.**

**salva [l-ballun] parzjalment** [R,P,K,M,D]
Ara **laqa' [l-ballun] parzjalment.**

**salva l-logħba**

1. Tingħad għal plejer li jiskorja fl-aħħar mumenti tal-partita u b'hekk jikseb tal-inqas punt għat-tim tiegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Tingħad għall-gowler li lejn l-aħħar tal-logħba jilqa' ballun tajjeb u hekk ir-riżultat jibqa' kif kien. [R,P,K,M,D,Ġ]

**salva r-riżultat** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **salva l-logħba (1)** u **(2).**

**sammar il-ballun**
Meta plejer jixxuttja b'saħħtu ħafna għal ġox-xibka. [R,P,K,M]

**sammarhom**

1. Tingħad għal tim li waqt il-logħba jattakka ħafna, u jispiċċa jagħlaq lill-avversarji fin-naħa tagħhom, mingħajr ma jkunu jistgħu joħorġu. [R,P,K,M]
2. Ara **kissruhom.** [R,P,K,M]

**sarraf f'azzjoni ta' gowl**
Meta plejer li jirċievi tqassima mingħand sieħbu jirnexxilu jdawwarha f'gowl. [R,K,M,Ġ]

**segwa l-azzjoni**
Meta plejer li ma jkollux il-ballun f'saqajh, jittama fl-iżball tal-gowler u jibqa' jiġri lejn il-ballun biex, f'każ li jaħrablu, ikun pront idaħħlu fix-xibka. [R,P,K,M,D,Ġ]

**segwa x-xutt**

1. Meta plejer huwa u jixxuttja jkompli jiċċaqlaq biex jitfgħu aktar b'saħħtu. [P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **segwa l-azzjoni.** [P,K,M,D,Ġ]

**seqqirhulu** [P]
Ara **qabbeż il-ballun.**

**seraq il-ballun**
Meta plejer jieħu l-ballun bil-ħeffa minn saqajn l-avversarju li jkun inqas ilvent minnu. Ma tfissirx eżatt bħal **ħadlu l-ballun.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**seraq ix-xena**
Meta plejer ikun wettaq xi ħaġa kbira, ngħidu aħna, xi gowl spettakolari. [R,P,K,M,D,Ġ]

**seraq rebħa**
Tingħad għal tim li jirbaħ imma ma jkunx ħaqqu. [R,P,K,M,Ġ]

**serata ta' grazzja**
Meta plejer toħroġlu logħba tajba ħafna. [K,M,Ġ]

**seta' baqa' d-dar!**
Tingħad għall-gowler tat-tim li jkun qed jiddomina għax ma jkollu xejn x'jagħmel. Fil-grawnd il-gowler ġieli jinstema' jgħid lil sieħbu **ġibli kafè!** [R,P,K,M,D]

**seta' ma lagħabx!** [R,P,K,M,D]
Ara **seta' baqa' d-dar!**

**snin tad-deheb**
Perjodu li fih it-tim ikun rebaħ ħafna tazzi. [R,K,M,D,Ġ]

**sofra d-daqqa tal-mewt** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ħa d-daqqa tal-mewt.**

**is-soltu jieklu bħall-ħobż**
Meta plejer jew gowler jagħmlu paprata li ħadd qatt ma jistennieha mingħandhom. [K,M,D]

**spara fis-saqaf tax-xibka**
Ixxuttja u skorja fil-parti għolja tal-lasta. [R,P,K,M,D,Ġ]

**spara ġewwa** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **spara fis-saqaf tax-xibka.**

**spara għoli** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ra l-istilel.**

**spariġġ**
Partita bejn żewġ timijiet li jkunu spiċċaw bl-istess punti u, skont ir-regoli tal-kampjonat, ikun hemm bżonn partita oħra (jew tnejn fil-każ li tintlagħab fuq żewġ *legs*) biex xi ħadd minnhom joħroġ rebbieħ. Magħrufa wkoll bħala *decider*. [P,M,D,Ġ]

**spirtu sportiv**
Meta plejer jimxi mar-regolamenti. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sploda**

1. Tingħad għal plejer li f'xi ħin tal-partita jibda jilgħab tajjeb ħafna. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Tingħad għall-pubbliku fil-grawnd li, wara xi skor, ikun sploda bl-għajjat. [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Tingħad għal logħba li f'xi fażi tagħha, normalment lejn l-aħħar, tisbieħ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sportiv**

1. Xi ħadd li jimxi mar-regoli, ma jilgħabx goff u ma jqarraqx. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Xi ħadd li kapaċi jaċċetta telfa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**issallab**

1. Meta gowler itir għal ballun mogħti fil-għoli fir-rokna tax-xibka, u biex jilqgħu jkollu jmattar driegħu. [R,P,K,M,D]
2. Meta plejer ikunlu diffiċli jżomm il-ballun għax ikollu spazju żgħir jew ikollu bilfors jagħmel "akrobazija". [R,P,K,M,D]
3. Meta plejer ma jkollux għajnuna minn sħabu u jispiċċa waħdu mad-difensuri. [P,K]

**issielet għall-ballun**

Meta plejer jistinka u jiġġieled biex jirbaħ il-ballun. [R,P,M,D,Ġ]

**issiġilla r-rebħa**

Meta plejer jew tim jagħlqu l-partita u jserrħu rashom permezz ta' gowl ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**issikkat**

Tingħad għal plejer li jkun immarkat sew. [R,P,K,M,Ġ]

**staġun**

Il-perjodu minn meta tibda l-ewwel logħba uffiċjali sa meta tispiċċa l-aħħar waħda. [R,P,K,M,D,Ġ]

**stampa l-lasta**

Ixxuttja b'saħħtu u l-ballun spiċċa jaħbat mal-lasta l-mimduda u jerġa' lura fil-grawnd. [R,P,K,M,D,Ġ]

**stampa l-mimduda** [R,P,K,M,D,Ġ]

Ara **stampa l-lasta.**

**stampah**
Meta plejer jolqot lil ieħor b'xutt b'saħħtu f'wiċċu. [R,P,K,M,D]

**statwa**
1. Plejer wieqaf u ma jagħmilx moviment. [P,K,M,D]
2. Meta l-gowler jibqa' wieqaf għax ma jkunx xamm xi xutt b'saħħtu. [P,K,M,D]

**stenna l-ballun**
1. Meta plejer ma joħroġx għall-ballun iżda jistennieh ġej. [R,P,K,M,Ġ]
2. Meta plejer ikun qed jistenna li jirċievi t-tqassima jew il-kross mingħand sieħbu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**stilla**
Plejer tajjeb ħafna li jispikka. Ħafna drabi l-istilel tal-futbol jilagħbu ma' klabbs kbar u jkunu l-idoli tal-partitarji. [R,P,K,M,D,Ġ]

**l-istilla tal-kompetizzjoni**
L-aqwa plejer mit-timijiet kollha f'dik il-kompetizzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**stunat** [P,M,Ġ]
Ara **jagħżaq.**

**is-suq tat-trasferimenti**
Żmien meta t-timijiet ikunu jistgħu jixtru xi plejers minn timijiet oħra. [R,P,K,M,D,Ġ]

**sur qawwi** [P,M,Ġ]
Ara **pilastru.**

**surmast**
Il-plejer li jkun jaf il-logħba tajjeb, jaf il-ħażen tal-logħba, għandu tqassimiet tajbin u jħeġġeġ lil sħabu. [R,P,K,M,Ġ]

**ta daqqa ta' ras**
Meta plejer jilgħab il-ballun b'rasu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ta daqs kemm qala'**
Meta tim jirreaġixxi għall-attakki tal-avversarji billi jattakkahom lura. [P,M,D,Ġ]

**ta d-daqqa tal-mewt**
Meta tim jagħlaq il-partita u ma jagħtix ċans lit-tim l-ieħor jakkwista xi punti mill-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ta enerġija ġdida**
Meta plejer li jkun daħal jilgħab flok plejer ieħor, iġib dak l-element ta' freskezza fit-tim u jirnexxilu jbiddel l-andament tal-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ta kollox**
Meta plejer jew tim jagħmlu ħilithom kollha. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ta l-ballun**
1. Jgħidha b'rabja plejer lil sieħbu li ma jkunx qed iqassamlu, ngħidu aħna, **tihuli, kont waħdi!** Meta t-tqassima tkun diffiċli imma preċiża, tisma' min jgħid **x'ballun tah!** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **għadda l-ballun.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**ta logħba**
Meta tim joffri sfida tajba lill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**ta 'l quddiem**
Meta plejer jitfa' l-ballun b'mod vertikali 'l quddiem. [R,P,K,M,Ġ]

**ta l-vantaġġ**
1. Meta r-referì jħalli l-logħob għaddej wara li tim ikun sofra minn xi ksur tar-regoli iżda l-ballun jibqa' f'saqajhom u jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **tefagħhom fil-vantaġġ.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**ta spinta**
Plejer li jkun kapaċi jagħti dik l-imbuttatura żejda li jkollu bżonn it-tim. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tah ċarġ** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **rmieh.**

**tah 'il fuq** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **tefa' l-ballun 'il fuq (1)** u **(2).**

**tah x'jagħmel** [R,P,K,M,D]
Ara **impenja lill-gowler.**

**tahielu**
Tingħad għal dak il-plejer li jiffawlja apposta. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tahulu f'saqajh** [R,P,K,D,Ġ]
Ara **lagħabhulu f'saqajh.**

**taħt pressjoni**
Meta plejer jew tim ikun qed isofri l-pressjoni mit-tim l-ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tajjar il-ballun**
Meta plejer ibiegħed il-ballun mill-periklu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**takkuna**
Meta plejer juża l-għarqub taż-żarbun biex jolqot il-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tal-faxex**
F'kuntest Malti, referenza għall-uffiċjal tat-tim li jkollu l-faxex u l-ingwent għal li jista' jinqala'. [R,P,K,Ġ]

**tal-ilma**
F'kuntest Malti, referenza għall-uffiċjal tat-tim li joħroġ bl-ilma u bl-isponża hekk kif plejer jixkana u jinstelaħ fi grawnd taż-żrar. [R,P,K,Ġ]

**talab il-ballun**
Meta plejer ikun irid il-ballun billi jgħajjat lil sieħbu li jkollu l-ballun biex iqassamlu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**talab *penalty***
Meta plejer jitlob li jingħata *penalty.* [R,P,K,M,D,Ġ]

**taqqbu**
1. Meta lill-gowler jiskorjawlu għadd ta' drabi. [P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jiskorja b'xutt qawwi li l-gowler ma jxommux. [P,K,M,D,Ġ]
3. Meta plejer jiskorja għax il-gowler batut. [P,K,M,D,Ġ]

**taqtigħa** [R,P,K,M,D]
Ara **logħba missielta.**

**tar għall-ballun**
Meta l-gowler ikollu jinqata' mill-art biex jilqa' l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tar minn tulu** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **tar għall-ballun.**

**tawwal il-ballun**
Meta plejer li jkollu l-ballun f'saqajh, hu u jiġri bi żball jitfa' l-ballun 'il quddiem sewwa. [R,P,K,M,Ġ]

**tefa' barra**
Meta plejer jew gowler jitfgħu l-ballun 'l hinn mil-linji tal-grawnd. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tefa' fir-rokna tax-xibka**
Meta plejer jiskorja fl-angolu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tefa' fix-xibka** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **sab ix-xibka.**

**tefa' f'korner**
1. Meta min qed jiddefendi jitfa' l-ballun f'korner. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Ara **dawwar il-ballun (3).**

**tefa' ġewwa** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **sab ix-xibka.**

**tefa' ġewwa mill-viċin** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **kompla għal ġewwa.**

**tefa' ġismu quddiem il-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ddefenda l-ballun (1).**

**tefa' l-ballun 'il fuq**
1. Meta plejer biegħed il-periklu. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer iqassam lil sieħbu fit-tul. [R,P,K,M,Ġ]

**tefa' pressjoni**
1. Meta plejer jew tim iżidu fl-intensità biex iġibu lill-avversarju f'diffikultà. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta tim li qed jattakka jirnexxilu jżomm lill-avversarju fin-nofs tiegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tefagħhom fil-vantaġġ**
Meta plejer jiskorja u jpoġġi lit-tim tiegħu minn fuq. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tefgħa** [PROPOSTA]
Meta l-plejer jitfa' l-ballun fil-grawnd b'idu minn wara rasu, wara li l-avversarji jkunu tefgħu l-ballun barra. Sal-lum konna nsejħu din l-azzjoni *throw-in.* (Plural **tefgħat.**)
Eż. *L-Ingilterra tefgħu l-ballun barra u r-referì indika* ***tefgħa*** *għall-Ispanjoli.*

**tefgħa fit-tul** [PROPOSTA]
Meta plejer jitfa' l-ballun fil-grawnd b'idu minn wara rasu, u jwasslu 'l bogħod. Sal-lum konna nsejħu din l-azzjoni *long throw.*
Eż. *Fulham igawdu ħafna mit-**tefgħat fit-tul** ta' Riise.*

**tefgħa ħażina** [PROPOSTA]
Meta plejer huwa u jitfa' l-ballun fil-grawnd b'idu minn wara rasu, jikser xi regola marbuta ma' din l-azzjoni, ngħidu aħna, jirfes il-linja jew jgħolli siequ. Sal-lum konna nsejħu din l-azzjoni *foul-throw.*
Eż. *Lanqas tobsor li xi ħadd bħal Maicon jagħmel **tefgħa ħażina.** Issa l-għeja tant qiegħda taħkem il-plejers li wasalna anke għal xi **tefgħat ħżiena.***

**tela'**
1. Meta tim jirbaħ il-promozzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer imur 'il quddiem biex jirċievi t-tqassima. Fil-grawnd tisma' xi plejer jordna lil sieħbu biex jitla' 'l fuq ħa jqassamlu, billi jgħidlu **itla'.** Ara wkoll **telagħlu.** [P,K,M,D,Ġ]

**tela' bil-ballun**
Meta plejer javvanza bil-ballun ma' saqajh. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tela' jgħin**
Meta plejer li jilgħab fuq wara jew f'nofs il-grawnd, jitla' jagħti daqqa t'id lil sħabu fl-attakk. [R,P,K,M,D,Ġ]

**telagħlu**
Meta l-plejer li ma jkollux il-ballun f'saqajh jagħmel moviment lil sieħbu, jew biex jiġbed plejer, jew biex iqassamlu, jew biex jagħtih alternattiva lil min iqassam. [P,K,M,D,Ġ]

**telaq il-ballun**
Meta l-gowler jaħrablu l-ballun u minħabba f'hekk isofri gowl jew inkella jagħti l-opportunità lill-avversarju jixxuttja wara li jiġi f'saqajh. [R,P,K,M,D,Ġ]

**telgħa** [PROPOSTA]
Meta l-plejers jitilgħu bil-ballun u jaħdmuh flimkien. (Plural **telgħat.**)
Eż. *Il-Furjana għamlu **telgħa** tajba u skorjaw.*
*Il-Barċellona jpaxxuk bit-**telgħat** tagħhom.*

**telgħetlu għal rasu**
Dak il-plejer li għax jaf li għandu talent, jibda jara lil kulħadd inferjuri minnu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tella' l-ballun**
1. Ara **tefa' l-ballun 'il fuq (1)** u **(2).** [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer iqassam il-ballun lil sieħbu biex jibdew jersqu lejn il-lasta tal-avversarju, jiġifieri ma jkesksux. [P,K,M,Ġ]

**tema' kross** [K,M,D,Ġ]
Ara **tema' l-ballun.**

**tema' l-ballun**
Meta plejer jagħti ballun tajjeb lil sieħbu. [K,M,D,Ġ]

**temm il-partita**
Meta r-referì jsaffar it-tisfira finali u l-logħba tkun spiċċat. [R,K,M,D,Ġ]

**tentattiv akrobatiku / għamel akrobazija**
Meta plejer juża l-akrobazija biex jolqot il-ballun. [R,P,K,M,Ġ]

**tfieh**
Il-plejer li jiddomina lil ħaddieħor. Jista' jkun kemm id-difensur li ma ħalliex l-attakkant jaqbżu, u kemm l-attakkant li qabeż kemm-il darba lid-difensur. [R,P,M,D,Ġ]

**it-tgħollija [tal-munita]** [PROPOSTA]
Meta fil-bidu tal-logħba, jew fil-bidu tal-ħin barrani, ir-referì jgħolli l-munita biex jiġi deċiż min ħa jibda. It-tim li jirbaħha jagħżel id-daqqa jew in-naħa.
Eż. *Ir-referì sejħilhom għat-**tgħollija** biex jiddeċiedu min se jagħti l-ewwel penalty.*

**tħalla waħdu**
Meta plejer ma jkunx immarkat mill-plejers li qed jiddefendu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tidrisa**
Telfa kbira ħafna. [P,K,M,D]

**tiegħi**
1. Meta plejer jgħarraf lil sħabu li ħa jkun qed jimmarka lil wieħed mill-avversarji. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jgħarraf lil sieħbu biex iħallilu l-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[it-]tieni lasta**
Il-lasta l-aktar 'il bogħod mill-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tijatrini**
Tingħad għal plejer li jagħmel tabirruħu li weġġgħuh, ngħidu aħna, biex jaħli l-ħin. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tilef ċans** / **falla ċans**
Meta plejer ikollu opportunità li jagħmel xi ħaġa tajba iżda jfalli. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tilef il-ballun**
Meta plejer ikollu l-ballun f'saqajh u jiħduhulu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tilef il-vantaġġ**
Meta tim ikun qed jirbaħ iżda aktar tard jispiċċa minn taħt. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tilef nofs il-grawnd** / **tilef in-nofs**
Meta tim ma jkunx kompatt f'nofs il-grawnd u jħalli ħafna spazji f'din il-pożizzjoni. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tilef postu**
Meta plejer ma jibqax jilgħab regolarment mal-ewwel ħdax. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tilef rasu**
Meta plejer jinnervja, jissalvaġġja jew ma jibqax jikkonċentra. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tim aktar ikkwotat**
Dak it-tim li fuq il-karta jkun mistenni li jirbaħ għax ikun aħjar mill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tim kbir**
Tim tajjeb ħafna. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tim li beda jikber [fl-istatura]** [R,P,M,Ġ]
Ara **żied fil-logħob.**

**tim mibdul**
Meta tim jilgħab żewġ taqsimiet differenti għalkollox. [R,P,K,M,Ġ]

**tim qasir**
Meta ma jkunx hemm distanza kbira bejn id-difensuri, in-nofsana u l-attakkanti. [R,P,K,M,Ġ]

**tim tal-isem**
Tim tradizzjonalment kbir imqar jekk bħalissa mhux magħdud fost l-aqwa timijiet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tim twil**
Meta jkun hemm distanza kbira bejn id-difensuri, in-nofsana u l-attakkanti. Din tiġri l-aktar meta ż-żewġ timijiet ikunu qegħdin ifittxu l-gowl u l-ballun ikun tiela' u nieżel mingħajr waqfien, mingħajr ma jagħtu ċans lill-plejers isibu posthom fil-grawnd. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tim żgħir**
Tim li ma jikkompetix għall-unuri l-kbar. [R,P,K,M,Ġ]

**tinqaleb il-folja**
Meta tim li jkun qed jiddomina l-logħba, u forsi jkun ukoll minn fuq, jispiċċa jiddefendi, ibati jew jitlef. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tkaħħal mal-art** [R,P,K,M,Ġ]
Ara **żżelleġ.**

**tkaxkar għall-ballun**
Meta gowler biex jilqa' l-ballun jitkaxkar għalih u ma jinqatax mill-art. [R,P,K,M,D,Ġ]

**tkessaħ**
Meta plejer jagħmel fawl għalxejn u jaqla' l-karta s-safra jew il-ħamra. [R,P,K,M,D]

**tkessaħ bil-ballun**
Meta plejer jagħmel mossa żejda, flok iqassam, biex juri x'jaf. [R,P,K,M]

**tkompla l-logħob**
Meta titkompla l-logħba wara li tkun waqfet għal ftit, ngħidu aħna, għax iweġġa' xi plejer. [R,P,K,M,D,Ġ]

**torello**
1. Logħba waqt it-taħriġ li fiha l-plejers idawru l-ballun u min ikun fin-nofs jipprova jmissu jew jieħdu. Nistgħu nirreferu għaliha wkoll **pupu fin-nofs.** [R,P,K,M,Ġ]
2. Meta waqt il-logħba tim jaqbad idawwar il-ballun mingħajr waqfien u ma jħallix lill-avversarju joħodhulu. [P,K,M,Ġ]

**tqabad għall-ballun** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **ssielet għall-ballun.**

**tqassima**
Meta plejer jgħaddi l-ballun lil sieħbu. Plural **tqassimiet.** [R,K,M]

**tqassima qasira** [K,M,D]
Ara **ballun qasir.**

**traskurat**
Meta plejer jew tim ma jkunux moħħhom hemm. [R,P,K,M,Ġ]

**tripletta**
Meta plejer jiskorja tliet gowls fl-istess partita. Hija magħrufa wkoll il-kelma *hat trick*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**[i]ttanta xortih**
Meta plejer jipprova jagħmel xi ħaġa li ma tkunx daqshekk faċli, ngħidu aħna, jixxuttja minn barra l-kaxxa, jew jagħmel akrobazija. [R,P,K,M,D,Ġ]

**venven** [R,P,K,M,D]
Ara **xutt qawwi.**

**[il-]vetrina tal-logħba Maltija**
Mudell tajjeb tal-logħob tal-futbol. [R,K,M,Ġ]

**waddab il-ballun**
Meta t-tim ikollu l-ħin kontrih u jibda jitfa' l-ballun 'il fuq biex ifittex il-gowl. Ara wkoll **newwel il-ballun.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**waqaf**
1. Meta plejer jew tim ma jibqgħux jilagħbu tajjeb. [P,K,M,D,Ġ]
2. Meta tim ma jsegwix l-azzjoni għax jaħseb li l-avversarju jkun waqa' f'pożizzjoni irregolari imma fil-fatt ma jkunx. [R,P,K,M,D,Ġ]

**waqa'**
Meta tim jispiċċa l-istaġun fil-parti ta' isfel nett tal-klassifika u skont ir-regoli tal-kampjonat irid jisfa relegat. [R,P,K,M,D,Ġ]

**waqa' *offside***
Meta l-attakkant jispiċċa f'pożizzjoni irregolari għax jonsbuh *offside* jew ma jindunax li qiegħed 'l hinn mid-difensuri. [R,P,K,M,D,Ġ]

**waqqaf azzjoni**
Meta plejer li jkun f'diffikultà, jiffawlja lill-plejer avversarju biex ma jġibx fl-inkwiet lit-tim tiegħu, ngħidu aħna, meta jkun se jinqabad f'kontrattakk. [R,P,K,M,D,Ġ]

**waqqaf il-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **mewwet il-ballun.**

**waqqaf plejer** [R,P,M,D,Ġ]
Ara **waqqaf azzjoni.**

**waqqa' l-punti**
Meta tim ma jiħux il-punti kollha f'partita jew ma jieħu xejn. [R,P,K,M,D,Ġ]

**waqqagħlu l-ballun [lura]**
Meta plejer iqassam lura lil sieħbu għax ikun ippressat, normalment biex ikun jista' jixxuttja. [R,P,K,M,D,Ġ]

**waqqgħu *offside*** [R,P,K,M,D,Ġ]
Meta d-difensur jonsob *offside* lill-avversarju.

**wara l-lasti**
Il-parti tal-grawnd fejn ikun hemm l-aktar partitarji fuq tagħhom. F'kuntest Taljan ngħidu l-**kurva**. [P,K,M,D,Ġ]

**wasal fuq il-ballun**
Meta plejer jew gowler li ma jkunx ħdejn il-ballun, jilħqu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**weġġa' lill-avversarju**
1. Meta tim jattakka lill-avversarju u jirnexxilu jagħmillu l-ħsara. [P,K,M,Ġ]
2. Meta plejer jidrob lil plejer ieħor. [R,P,K,M,D,Ġ]

**weħel logħba**
Meta plejer jitkeċċa fil-partita ta' qabel u ma jkunx jista' jilgħab ta' wara. Plejer jista' jeħel aktar minn logħba waħda skont il-gravità tal-azzjoni tiegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**weħel ma' saqajh**
1. Meta plejer ikollu ħila jibqa' bil-ballun f'saqajh wara li għadd ta' plejers jippruvaw jiħduhulu. [P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer ikun fortunat għax jibqa' bil-ballun f'saqajh wara li jiġi attakkat. [P,K,M,D,Ġ]

**wera logħob sabiħ**
Meta tim jilgħab futbol li jpaxxi l-għajn. [R,P,K,M,D,Ġ]

**wera maġija**
Meta plejer juri t-talent li għandu biex jgħin lit-tim tiegħu. Tintuża l-aktar meta tim ikun f'diffikultà u jkollu bżonn il-kwalità tas-singolu biex jirbaħ il-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**wera xi jsarraf**
Meta plejer jew tim juru l-kapaċitajiet tagħhom. [R,P,K,M,D,Ġ]

**wġigħ ta' ras kontinwu**
Meta plejer il-ħin kollu jagħti x'jagħmel lil ta' kontrih u jġibhom f'diffikultà kull darba li jmiss il-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**wieġeb**
Il-mument meta persuna tagħti risposta għal xi ħaġa li tkun sofriet, ngħidu aħna, meta kowċ jagħmel sostituzzjoni u l-kowċ l-ieħor iwieġbu billi jagħmel oħra, jew meta tim ikun qala' gowl u jirrispondi b'xi azzjoni mill-ewwel. [R,P,K,M,Ġ]

**wieħed kontra wieħed**
Meta plejer jiġi wiċċ imb wiċċ ma' plejer ieħor biex jaqbżu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**wirja**
Kif jilagħbu plejer jew tim. Tista' tkun **wirja fqira, batuta, medjokri, tajba, eċċellenti,** eċċ. [R,P,K,M,D,Ġ]

**wirja fqira**
Meta plejer jew tim jilagħbu ħażin. [R,P,K,M,D,Ġ]

**witta t-triq għar-rebħa**
Meta plejer jiskorja gowl li bih jagħti vantaġġ lit-tim tiegħu, però xorta jkun għad fadal il-ħin x'jintlagħab. Tintuża l-aktar meta t-tim, ngħidu aħna, ikun rebaħ 4-0 u meta jiġi skorjat l-ewwel gowl, b'mod ta' rakkontar, jingħad li kien dan il-gowl li witta t-triq għar-rebħa. [R,P,K,M,D,Ġ]

**wrieh il-karta** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **ħareġ il-karta.**

**wriehom snienu**
Meta tim juri l-potenzjal tiegħu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xafra**
Plejer magħruf għal kemm iħobb jittekilja mqar jekk jieħu sieq il-plejer, tant li l-kowċ ta' spiss iwissih biex joqgħod attent. [R,P]

**xalata**
1. Meta tim isib ħafna spazju u jsibha faċli biex jasal lejn il-lasta. [R,P,K,M]
2. Dak il-plejer li jaqbeż il-ħin kollu lill-avversarju għax ikun żmarkat jew għax toħroġlu logħba tajba ħafna. [R,P,K,M,Ġ]

**xalata ta' ċansijiet**
Meta tim joħloq ħafna okkażjonijiet ta' gowls imma mhux bilfors isarrafhom. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xalata ta' gowls**
Meta tim jiskorja ħafna. [R,P,K,M,D,Ġ]

**x'ballun tilef!** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **tilef ċans.**

**xeħet ġewwa / xeħet għal ġewwa** [R,P,K,M,D,Ġ]
Meta plejer jiskorja.

**xeħet għan-nofs / tefa' għan-nofs** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **kkrossja / ta kross.**

**xeħet il-ballun** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **newwel il-ballun.**

**xejjen id-difiża**
Meta plejer iġib fix-xejn lid-difiża, ngħidu aħna, tant kemm jirnexxilu jaqbeż plejers wieħed wara l-ieħor. [R,K,M,D,Ġ]

**xejjer il-bandiera**
Meta l-assistent tar-referì jgħolli l-bandiera għall-*offside*. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xejjer il-karti bl-addoċċ**
Dak ir-referì li juri ħafna karti sofor jew ħomor għalxejn. [R,P,K,M,Ġ]

[ix-] **xejra tal-logħob**
Kif imorru l-affarijiet matul il-partita. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xellef għal ġewwa**
Meta plejer jiskorja billi jmiss ħarira l-ballun, li jispiċċa jbiddel id-direzzjoni u jqarraq bil-gowler. [R,K,M,D,Ġ]

**xellef il-ballun**
Tip ta' devjazzjoni. Meta plejer imiss kemm kemm il-ballun u jbiddillu d-direzzjoni. Tista' tirreferi għal meta l-gowler imiss kemm kemm il-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xellef il-lasta**
Meta xutt jaħbat mal-lasta u jibqa' sejjer barra. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xewka**
Plejer li m'għandux kwiet, il-ħin kollu jdejjaq lill-avversarju, u ma jagħtihx ċans jagħmel dak li jixtieq. [R,P,K,M,Ġ]

**xibka mhux mittiefsa**
1. Meta l-gowler ma jaqlax gowl f'partita. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Tingħad għal kwantità ta' minuti li matulhom il-gowler ma jaqlax gowl. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xita ta' gowls** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **xalata ta' gowls.**

**xutt barra l-lasta**
Xutt għoli jew 'l hinn mil-lasti l-wieqfa. [R,K,M,D,Ġ]

**xutt bomba** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **missila.**

**xutt fil-lasta / xutt lejn il-lasta**
Xutt ġol-lasta li l-gowler jew id-difensuri jkollhom jilqgħu nkella jiskorjawlhom. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xutt fjakk**
Xutt dgħajjef. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xutt fuq il-ġirja**
Xutt minn plejer li jkun qed jiġri. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xutt li faqa' kulma hemm** [R,K,M,D,Ġ]
Ara **xutt li ma ħafirx.**

**xutt li ma ħafirx**
Xutt b'saħħtu ħafna li jibqa' dieħel fix-xibka. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xutt perikoluż**
Xutt li għal ftit ma jegħlibx lill-gowler. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xutt qawwi**
Xutt b'saħħtu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**xutt tal-istampi**
Xutt sabiħ ħafna, li wisq probabbli jispiċċa fix-xibka. Jgħidulu tal-istampi għax jixraqlu li jkun stampat f'album. [R,P,M,Ġ]

**$^{i}$xxamplat**
Meta plejer jingħata ħafna spazji u ma jkunx immarkat. [R,P,K,M,D,Ġ]

**$^{i}$xxena / għamel xena**
Ara **tijatrini.** [R,P,K,M,D,Ġ]

**$^{i}$xxuttja mill-ewwel** [P,K,M,Ġ]
Ara **faqqa' mill-ewwel.**

**żamm il-ballun**
1. Meta l-gowler jaħtaf il-ballun kompletament. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer idum biex iqassam u jżomm il-ballun ħafna f'saqajh. [R,P,K,M,Ġ]
3. Meta plejer jikkontrolla l-ballun. [R,P,K,M,Ġ]
4. Il-mument li plejer ikollu l-ballun f'saqajh qabel iqassmu jew jeħles minnu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm il-ballun fil-baxx** [R,P,K,M,D,Ġ]
Ara **żamm il-ballun mal-art.**

**żamm il-ballun fil-grawnd**
Meta l-plejer ma jħallix il-ballun jaqbeż il-linja laterali jew il-linja tal-gowler. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm il-ballun mal-art**
Meta plejer jew tim ma jgħollux il-ballun u jqassmu fil-baxx. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm il-pass**
Meta tim jibqa' jsegwi t-tim l-ieħor li jkollu aktar punti minnu fil-klassifika. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm il-plejer** [R,P,K,M,D,Ġ]
1. Meta plejer jiġbed lill-avversarju mill-flokk. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta plejer jimmarka tajjeb lill-avversarju. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm il-pożizzjoni**
Meta plejer jobdi lill-kowċ u jibqa' jilgħab fil-pożizzjoni li jkun tah. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm il-vantaġġ**
Meta tim li jkun qed jirbaħ, jibqa' minn fuq. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm l-appuntament mal-gowl**
Meta plejer jiskorja kif jagħmel is-soltu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm postu**
1. Dak il-plejer li jibqa' jilgħab minkejja n-numru ta' plejers ġodda. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Dak il-plejer li jibqa' jilgħab 90 minuta sħaħ. [R,P,K,M,D,Ġ]
3. Meta plejer jerġa' jilgħab fil-logħba ta' wara. [R,P,K,M,D,Ġ]
4. Meta tim jibqa' jilgħab fl-istess kategorija. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żamm saqajh mal-art**
Meta plejer ma tikbirlux rasu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żammewhom dro**
Meta tim dgħajjef jirnexxilu jieħu punt kontra avversarju aqwa minnu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żammhom fil-logħba**
Meta gowler jilqa' ballun tajjeb biex it-tim jibqa' biċ-ċans li jieħu xi ħaġa minn dik il-logħba. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żarma**
Meta t-tim ma jibqax joffri reżistenza għax jaqta' qalbu. Ġieli tingħad bħala botta biex taqta' qalb l-avversarju. [R,P,K,M,D]

**żelaq fuq il-ballun**
Meta plejer jiżloq billi siequ jitfagħha fuq il-ballun u jiżbilanċja lilu nnifsu. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żelqa**
1. Meta tim tajjeb jitlef logħba li fuq il-karta kellu jirbaħha. [R,P,K,M,D,Ġ]
2. Meta tim jitlef logħba wara sensiela ta' rebħiet. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żied fil-logħob**
Meta plejer jew tim jilgħab aħjar minn qabel. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żied il-ballun**
Meta plejer iqassmulu u hu kemm jagħti daqqa oħra żgħira lill-ballun biex jasal għand ħaddieħor. Il-plejer iżid il-ballun 'il quddiem biex, ngħidu aħna, iżidlu s-saħħa jew biex ibiddillu d-direzzjoni. [R,P,K,M,Ġ]

**żied il-pressjoni**
Meta tim jattakka aktar minn qabel u jġib lill-avversarju f'diffikultà. Tista' timplika wkoll li tim għax rebaħ xi logħba jkun qed iżid il-pressjoni fuq min qiegħed qablu fil-klassifika. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żifen bil-ballun**
Meta plejer ikollu l-kunfidenza mal-ballun u ma jiddejjaqx juri x'jaf, tant li jpaxxi lil min jarah. [R,P,K,M,D,Ġ]

**żiffa** [P,K,M,D,Ġ]
Ara **plejer ħafif (1).**

**żmarkat**
Plejer mhux immarkat. [R,P,K,M,Ġ]

**[i]żżelleġ**
Meta plejer jaqa' waħda kbira, jew għax jiżloq waħdu jew għax jiġi xkanat, u b'hekk jiżżelleġ mal-ħaxix jew fuq iż-żrar. [P,D]

**[iz-]zona**
L-istrateġija difensiva li titlob lil kull plejer iħares xi zona fil-grawnd malli l-avversarju jibda tiela' bil-ballun. [R,P,K,M,D,Ġ]

**zona mejta**
Zona fejn m'hemm l-ebda plejer. [P,K,M,D,Ġ]

**Biblijografija**


**Gazzetti**

*Football*, 1912
*Il-Berqa*, 1932-1939
*Illum,* 2010
*In-Nazzjon,* 2003-2011
*It-Torċa,* 2003-2011
*KullĦadd,* 2010
*L-Orizzont,* 2003-2011

**Siti elettroniċi** (aċċessati fid-29 ta' Mejju 2012)

www.interclubmalta.com
www.juventusclubmalta.com
www.replayonline.tv
http://dinglieagles.webs.com/ourmatchreports.htm
http://mqabbaalbions.webs.com/matchreports.htm
http://mtarfalightnings.webs.com/ourmatchreports.htm
http://werld-kapp.blogspot.com

**Kotba u artikli**

Baldacchino Carmel, *Il-futbol Malti* (Malta, 1999)
Borg Steve, 'Miklem marbut mal-logħba tal-futbol', *L-Imnara* 32 (2008)
Carbonaro Joe, *St.Venera United Youth Nursery Malta – Rapport tal-under 11 u l-under 12 2002/2003* (2003)
Carbonaro Joe, *St.Venera United Youth Nursery Malta – Annual report 2004/2005 year born 1991 under 13* (2005)
Carbonaro Joe, *Helsinki Cup 2007* (2007)
Vella Olvin, 'Il-lingwa tal-futbol', *Sagħtar* (Novembru 2004)

**Teżijiet**

Attard Keith, *Ir-reġistru tal-futbol fl-ilsien Malti,* imressqa lill-Università ta' Malta għall-grad ta' BA (Unuri), 2011
Barbara Marica u Scicluna Karl, *Il-lingwaġġ taż-żgħażagħ bħala wieħed mil-lingwaġġi settorjali ta' Malta,* imressqa lill-Università ta' Malta għall-grad ta' B.Ed. (Unuri), 2002
Casha D. Adrian, *Traduzzjoni tar-regolamenti uffiċjali tal-logħba tal-futbol,* imressqa lill-Università ta' Malta għall-grad ta' MA fit-Traduzzjoni, 2010
Gambin Edgar, *Il-futbol f'Malta*, imressqa lill-Università ta' Malta għall-grad ta' B.Ed. (Unuri), 1982

Keith Attard

# Ballun Pinġut

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
www.kunsilltalmalti.gov.mt

L-Għaqda Ġurnalisti Sports
www.ghaqdagurnalistisports.com

**Keith Attard**, l-awtur tal-ktieb, ġabar il-kliem Malti marbut mal-futbol kif semgħu ħiereġ naturali minn fomm iż-żgħażagħ, huma u jilagħbu l-iskola u waqt it-taħriġ tal-klabbs. Ma' dan żied ukoll frażijiet u espressjonijiet li semagħhom jingħadu mill-kummentaturi sportivi. Il-ġabra issa telgħet għal 930.

Biex ix-xogħol ikun sewwa, kull kelma u espressjoni kkonfermaha ma' numru ta' informanti ġejjin mill-iktar sitt kategoriji ewlenin fid-dinja tal-futbol: dik ta' referì, plejer, kowċ, membru ta' kumitat ta' klabb, dilettant u ġurnalist. B'hekk l-użu ta' kull kelma u espressjoni hemm xhieda tiegħu f'din il-pubblikazzjoni. L-awtur daħħal biss 10 espressjonijiet ġodda li ħass li kellu jipproponihom flok kliem ieħor li jintuża bl-Ingliż. Dawn jingħarfu sewwa għaliex huma indikati bil-kelma *[proposta]*. Illum, li b'riħet dan ix-xogħol kellu l-okkażjoni jaħdem ma' xi ġurnalisti, l-awtur iħossu żgur li dawn se jiżnuhom bil-għaqal u, jekk jiswewlhom u jdoqqulhom, se jibdew iħaddmuhom.



Wara sentejn xogħol fuq din il-ġabra, l-awtur jifhem li xorta għad fadal x'jinġabar, għax l-ilsien Malti huwa akbar milli nimmaġinawh. Għalhekk, barra minn din il-pubblikazzjoni qed jibni ġabra oħra li jkun fiha l-kliem li tħalla barra, bil-ħsieb li dan imbagħad isib postu fit-tieni edizzjoni.

Sibna fuq facebook

futbol@kunsilltalmalti.gov.mt